IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

MT



# Dokument Tematiku
## Evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent

Direttorat tar-Riċerka u Dokumentazzjoni

curia.europa.eu

# Daħla

Peress li qies li l-aħjar politika tal-ambjent tikkonsisti f'li jiġi evitat, sa mill-bidu, il-ħolqien ta' tniġġis jew ta' inkonvenjenzi, milli sussegwentement jiġu miġġielda l-effetti tagħhom, il-leġiżlatur tal-Unjoni żviluppa sistema ta' protezzjoni preventiva tal-ambjent li l-bażi tagħha hija kkostitwita mill-obbligu tal-Istati Membri li jwettqu evalwazzjonijiet ambjentali qabel ma jieħdu ċerti deċiżjonijiet li jista' jkollhom effett negattiv fuq l-ambjent.

L-ewwel nett, il-Kunsill adotta d-Direttiva 85/337 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent [1], li tħassret, ġiet ikkodifikata u ssostitwita bid-Direttiva 2011/92 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent [2]. Konformement mal-imsemmija direttiva, il-proġetti koperti fl-Annessi I u II tagħhom li jista' jkollhom effetti notevoli fuq l-ambjent għandhom, qabel jiġu awtorizzati, ikunu suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent. F'dan ir-rigward, l-Anness I jelenka l-proġetti li min-natura tagħhom jinkludu riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent u għandhom, bħala prinċipju, imperattivament ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni tal-effetti ambjentali tagħhom. L-Anness II jispeċifika, min-naħa l-oħra, il-proġetti li jistgħu jippreżentaw riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, li jkunu suġġetti għal evalwazzjoni biss meta l-Istati Membri jqisu, b'osservanza tar-rekwiżiti tal-imsemmija direttivi, li l-karatteristiċi tagħhom jeżiġu dan.

It-tieni nett, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent [3], li tipprevedi li l-pjanijiet u l-programmi elenkati f'din id-direttiva għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti ambjentali meta dawn jippreżentaw riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent. Peress li l-pjanijiet u l-programmi msemmija mid-Direttiva 2001/42 jinkludu dawk li jistabbilixxu, f'ċerti setturi, il-qafas għall-awtorizzazzjoni ta' proġetti li jaqgħu taħt id-Direttivi 85/337 u 2011/92, id-Direttiva 2001/42 introduċiet, konsegwentement, mekkaniżmu ta' evalwazzjonijiet ambjentali qabel dak stabbilit mid-Direttivi 85/337 u 2011/92 fl-oqsma kkonċernati.

Fuq il-pjan metodoloġiku, id-Direttiva 2001/42 tiddistingwi, bħall-approċċ segwit mid-Direttivi 85/337 u 2011/92, bejn, minn naħa, il-pjanijiet u l-programmi li jkunu, bħala

1 Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248).

2 Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2011, L 26, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 174, p. 44).

3 Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157).

prinċipju, dejjem suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali u, min-naħa l-oħra, il-pjanijiet u l-programmi li jkunu suġġetti għal tali evalwazzjoni biss meta l-Istati Membri jistabbilixxu li huma jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

It-tliet direttivi msemmija iktar 'il fuq kienu s-suġġett ta' ġurisprudenza pjuttost importanti, li din l-iskeda tippreżenta l-punti prinċipali ta' żvilupp tagħha.

# Werrej


DAĦLA ... 3

I. EVALWAZZJONI TAL-EFFETTI TA' PROĠETTI PUBBLIĊI U PRIVATI SKONT ID-DIRETTIVI 85/337 U 2011/92 ... 7

1. Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 85/337 u 2011/92 ... 7
   a) Kunċett ta' "proġett" ... 7
   b) Proġetti esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 85/337 u 2011/92 9
2. Obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti fil-każ ta' riskji ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent ... 10
   a) Proġetti li jippreżentaw riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent (Anness I) ... 10
   b) Proġetti li jistgħu jippreżentaw riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent (Anness II) ... 11
      i. Determinazzjoni tan-neċessità ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent ... 11
      ii. Motivazzjoni tad-deċiżjoni li proġett ma jkunx suġġett għal evalwazzjoni ... 13
   c) Eżenzjonijiet mill-obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti ... 14
3. Portata tal-evalwazzjoni tal-effetti ... 15
4. Proċeduri ta' awtorizzazzjoni f'diversi stadji ... 18
   a) Mument li fih għandha ssir l-evalwazzjoni tal-effetti ... 18
   b) Determinazzjoni tal-kundizzjonijiet proċedurali li fihom issir l-evalwazzjoni tal-effetti ... 20
5. Parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali u aċċess għall-ġustizzja ... 21
   a) Parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali ... 21
      i. Modalitajiet ta' informazzjoni lill-pubbliku ... 21
      ii. Parteċipazzjoni tal-pubbliku matul proċess deċiżjonali f'diversi stadji ... 23
   b) Aċċess għall-ġustizzja ... 24
      i. Obbligi tal-Istati Membri ... 24
      ii. Ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati minn individwi ... 26

iii. Ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati minn assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tal-ambjent ..... 27
iv. Rekwiżit ta' spiża mhux projbittiva ..... 31
a. Portata ..... 31
b. Kriterji ta' evalwazzjoni ..... 32
6. Effett dirett u interpretazzjoni konformi ..... 34
a) Effett dirett vertikali tad-direttivi u l-effetti negattivi fuq id-drittijiet ta' partijiet terzi ..... 34
b) Interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali ..... 35
II. Evalwazzjoni tal-effetti ta' pjanijiet u ta' programmi taħt id-Direttiva 2001/42 ..... 38
1. Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/42 ..... 38
a) Pjanijiet u programmi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2001/42 ..... 38
b) Tħassir ta' pjanijiet u programmi ..... 41
2. Obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti fil-każ ta' riskji sinjifikattivi fuq l-ambjent ..... 43
a) Pjanijiet u programmi li għandhom riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent ..... 43
i. Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42 ..... 43
ii. Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2001/42 ..... 45
b) Pjanijiet u programmi li jista' jkollhom riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent ..... 46
i. Pjanijiet u programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 ..... 46
ii. Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2001/42 ..... 50
3. Konsultazzjonijiet ..... 50
III. Żamma provviżorja tal-effetti ta' atti nazzjonali adottati bi ksur tal-obbligu li ssir evalwazzjoni tal-effetti ..... 53
1. Atti nazzjonali adottati bi ksur tad-Direttiva 2011/92 ..... 53
2. Atti nazzjonali adottati bi ksur tad-Direttiva 2001/42 ..... 54
IV. Applikazzjoni kumulattiva tad-direttivi li jirrikjedu evalwazzjoni tal-effetti ..... 58

# I. Evalwazzjoni tal-effetti ta' proġetti pubbliċi u privati skont id-Direttivi 85/337 u 2011/92

## 1. Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 85/337 u 2011/92

### a) Kunċett ta' "proġett"

***Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019 (Awla Manja), Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2019:622)*** [4]

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Konvenzjoni ta' Espoo – Konvenzjoni ta' Aarhus – Konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa – Direttiva 92/43/KEE – Artikolu 6(3) – Kunċett ta' 'proġett' – Evalwazzjoni tal-effetti fuq is-sit ikkonċernat – Artikolu 6(4) – Kunċett ta' 'raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku kbir' – Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi – Direttiva 2009/147/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Artikolu 1(2)(a) – Kunċett ta' 'proġett' – Artikolu 2(1) – Artikolu 4(1) – Evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent – Artikolu 2(4) – Eżenzjoni tal-evalwazzjoni – Twaqqif gradwali tal-enerġija nukleari – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, minn naħa, il-bidu mill-ġdid, għal madwar għaxar snin, tal-attività ta' produzzjoni industrijali ta' elettriku minn impjant nukleari sakemm jitwaqqaf, b'effett ta' posponiment ta' għaxar snin mid-data inizjalment iffissata mil-leġiżlatur nazzjonali għad-diżattivazzjoni u t-tmiem tal-attività tiegħu, u, min-naħa l-oħra, il-posponiment, għal għaxar snin ukoll, tat-terminu inizjalment previst minn dan l-istess leġiżlatur għad-diżattivazzjoni u għat-twaqqif tal-produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant attiv – Assenza ta' evalwazzjoni tal-effett fuq l-ambjent"*

Permezz tas-sentenza tagħha Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen, mogħtija fid-29 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "proġett" fis-sens tad-Direttiva 2011/92 u tad-Direttiva 92/43 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa [5].

Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima bejn żewġ assoċjazzjonijiet, Inter-Environnement Wallonie ASBL u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen ASBL, li l-għan soċjali tagħhom kien il-protezzjoni tal-ambjent u tal-ambjent tal-għajxien, u l-Conseil des ministres (il-Kunsill tal-Ministri, il-Belġju), dwar il-liġi li permezz tagħha r-Renju tal-Belġju, minn naħa, ippreveda l-bidu mill-ġdid, għal perijodu ta' kważi għaxar snin, tal-attività ta' produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant nukleari sakemm jitwaqqaf u, min-naħa l-oħra, it-terminu inizjalment previst għad-diżattivazzjoni u għat-twaqqif tal-produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant nukleari attiv ġie pospost b'għaxar snin. Dawn l-

[4] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll taħt it-Taqsima I.2.a) "Proġetti li jippreżentaw riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent (Anness I", it-Taqsima I.2.ċ) "Eżenzjonijiet għall-obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti", u t-Taqsima III. 1. "Atti nazzjonali adottati bi ksur tad-Direttiva 2011/92".

[5] Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU 2013, L 158, p. 193).

assoċjazzjonijiet essenzjalment ilmentaw li l-awtoritajiet Belġjani kienu adottaw din il-liġi mingħajr ma ġew osservati r-rekwiżiti ta' evalwazzjoni minn qabel imposti mill-imsemmija direttivi.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżuri kkontestati dwar l-estensjoni tal-produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant nukleari kien jikkostitwixxu "proġett" fis-sens tad-Direttivi 2011/92 u 92/43, għaliex dawn neċessarjament kienu jimplikaw it-twettiq ta' xogħlijiet fuq skala kbira, li kienu ser ibiddlu r-realtà fiżika tas-siti kkonċernati. Dan il-proġett kellu, bħala prinċipju, ikun suġġett għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent u fuq is-siti protetti kkonċernati, qabel l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri. Iċ-ċirkustanza li l-implimentazzjoni ta' dawn tal-aħħar kienet timplika atti ulterjuri, bħall-ħruġ, għal wieħed mill-impjanti kkonċernati, ta' awtorizzazzjoni individwali ġdida ta' produzzjoni ta' elettriku għal finijiet industrijali, ma kienx determinanti f'dan ir-rigward. Ix-xogħlijiet indissoċjabbilment marbuta mal-imsemmija miżuri kellhom ukoll ikunu suġġetti għal tali evalwazzjoni qabel l-adozzjoni ta' dawn l-istess miżuri jekk in-natura tagħhom u l-effetti potenzjali tagħhom fuq l-ambjent u fuq is-siti protetti kienu jkunu suffiċjentement identifikabbli f'dan l-istadju.

***Sentenza tal-24 ta' Ottubru 1996 (Seduta Plenarja), Kraaijeveld et (C-72/95, EU:C:1996:404)*** [6]

*"Ambjent – Direttiva 85/337/KEE – Evalwazzjoni tal-impatt ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati"*

Fil-kawża Kraaijeveld, il-Qorti tal-Ġustizzja, adita f'seduta plenarja, irrilevat li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jagħti tifsira wiesgħa għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 85/337.

In-Nederlandse Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi) kien ġie adit b'rikors għall-annullament ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' pjan urban dwar "reviżjoni parzjali tal-pjanijiet urbani fil-kuntest tat-tisħiħ tad-digi". Dan il-pjan urban kellu l-għan li jippermetti xogħlijiet ta' tisħiħ tad-digi tul ix-xmara Merwede fit-territorju ta' muniċipalità Olandiża. Ma kienet saret ebda evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent tal-imsemmija xogħlijiet.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tagħmel id-domanda preliminari dwar jekk xogħlijiet li jikkonċernaw digi tul passaġġi fuq l-ilma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "[x]ogħlijiet ta' kanali u għajnuna kontra l-għargħar" li jinsab fil-punt 10(e) tal-Anness II tad-Direttiva 85/337. Konformement mal-Artikolu 4(2) tal-imsemmija direttiva, il-proġetti li jappartjenu għall-klassijiet elenkati fl-imsemmi Anness II jkunu suġġetti għal evalwazzjoni meta l-Istati Membri jqisu li l-karatteristiċi tagħhom jeżiġu dan.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, għalkemm mill-eżami tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-Anness II tad-Direttiva 85/337 ma kienet tirriżulta ebda tweġiba

[6] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima I.2.b)i. "Determinazzjoni tan-neċessità ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent".

ċara għall-mistoqsija magħmula, mit-test ta' din id-direttiva seta' jiġi dedott li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa estensiv u l-għan tagħha huwa wiesa' ħafna. Minn dan kien isegwi li, anki jekk din il-preċiżazzjoni ma kinitx tirriżulta mill-verżjonijiet lingwistiċi kollha, il-punt 10(e) tal-Anness II tad-Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi x-xogħlijiet li jikkonċernaw id-digi, iktar u iktar meta tali xogħlijiet seta' jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-ambjent fis-sens tad-Direttiva.

Bl-istess mod, is-sempliċi fatt li d-Direttiva ma ssemmix espressament il-modifiki ta' proġetti li jaqgħu taħt l-Anness II ma jippermettix li jiġi dedott li dawn ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 85/337. Fil-fatt, l-għan wiesa' ħafna tad-Direttiva jiġi ppreġudikat jekk il-klassifikazzjoni ta' "modifika ta' proġett" tkun tippermetti li ċerti xogħlijiet ma jaqgħux taħt l-obbligu li jsir studju tal-effetti, meta, minħabba n-natura tagħhom, id-daqs tagħhom jew il-post tagħhom, dawn ix-xogħlijiet ikun jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

Konsegwentement, l-espressjoni "[x]ogħlijiet ta' kanali u għajnuna kontra l-għargħar", li tinsab fil-punt 10(e) tal-Anness II tad-Direttiva 85/337, għandha tiġi interpretata fis-sens li tinkludi mhux biss il-kostruzzjoni ta' diga ġdida, iżda wkoll il-modifika ta' diga eżistenti permezz taċ-ċaqliq tagħha, it-tisħiħ tagħha jew it-tkabbir tagħha, is-sostituzzjoni ta' diga bil-kostruzzjoni ta' diga ġdida fl-istess post, irrispettivament minn jekk din tkunx iktar solida jew usa' mill-qadima, jew inkella kombinazzjoni ta' diversi minn dawn l-ipoteżijiet.

## b) Proġetti esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 85/337 u 2011/92

***Sentenza tas-16 ta' Settembru 1999, WWF et (C-435/97, EU:C:1999:418)***

*"Ambjent – Direttiva 85/337/KEE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati"*

B'risposta għal rinviju għal deċiżjoni preliminari mressaq mill-Verwaltungsgericht, Autonome Sektion für die Provinz Bozen (il-Qorti Amministrattiva, Sezzjoni Awtonoma tal-Provinċja ta' Bolzano, l-Italja), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 85/337, li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva l-proġetti intiżi għal finijiet ta' difiża nazzjonali.

Fit-tilwima fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju ġiet adita b'rikors għal annullament ippreżentat kontra l-awtorizzazzjoni amministrattiva ta' proġett ta' ristrutturazzjoni tal-ajruport ta' Bolzano-St Jakob. Dan il-proġett kellu l-għan li jittrasforma l-ajruport, li ilu jintuża mis-snin 1925/1926 għal finijiet militari, għall-avjazzjoni sportiva, u li kien użat ukoll, għal ċertu perijodu u b'mod limitat, għal finijiet ċivili, f'ajruport li jkun jista' jintuża kummerċjalment bl-għan li jitwettqu titjiriet regolari, kif ukoll titjiriet charter u titjiriet użati għat-trasport tal-merkanzija.

Insostenn tar-rikors għal annullament tagħhom, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostnew li dan il-proġett ta' ristrutturazzjoni seta' jkollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent u

għalhekk kellu jkun is-suġġett ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent fis-sens tad-Direttiva 85/337.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għamlet b'mod partikolari d-domanda preliminari dwar jekk l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 85/337 kellux jiġi interpretat fis-sens li ajruport li jista' fl-istess ħin iservi għal finijiet ċivili u għal finijiet militari, iżda li l-użu prinċipali tiegħu jkun ta' natura kummerċjali, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 85/337 jintroduċi eċċezzjoni għar-regola ġenerali ta' evalwazzjoni minn qabel tal-effetti fuq l-ambjent fil-każ ta' proġetti intiżi għal finijiet ta' difiża nazzjonali. Tali esklużjoni, li għalhekk tintroduċi eċċezzjoni għar-regola ġenerali, għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv. Konsegwentement, huma biss il-proġetti intiżi prinċipalment għal finijiet ta' difiża nazzjonali li jistgħu jiġu esklużi mill-obbligu ta' evalwazzjoni.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li proġetti bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-għan prinċipali tagħhom ikun ir-ristrutturazzjoni ta' ajruport sabiex ikun jista' jintuża kummerċjalment, anki jekk dan l-ajruport ikun jista' jintuża wkoll għal finijiet militari, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

## 2. Obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti fil-każ ta' riskji ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent

### a) Proġetti li jippreżentaw riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent (Anness I)

***Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019 (Awla Manja), Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17,*** EU:C:2019:622)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Konvenzjoni ta' Espoo – Konvenzjoni ta' Aarhus – Konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa – Direttiva 92/43/KEE – Artikolu 6(3) – Kunċett ta' 'proġett' – Evalwazzjoni tal-effetti fuq is-sit ikkonċernat – Artikolu 6(4) – Kunċett ta' 'raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku kbir' – Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi – Direttiva 2009/147/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Artikolu 1(2)(a) – Kunċett ta' 'proġett' – Artikolu 2(1) – Artikolu 4(1) – Evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent – Artikolu 2(4) – Eżenzjoni tal-evalwazzjoni – Twaqqif gradwali tal-enerġija nukleari – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, minn naħa, il-bidu mill-ġdid, għal madwar għaxar snin, tal-attività ta' produzzjoni industrijali ta' elettriku minn impjant nukleari sakemm jitwaqqaf, b'effett ta' posponiment ta' għaxar snin mid-data inizjalment iffissata mil-leġiżlatur nazzjonali għad-diżattivazzjoni u t-tmiem tal-attività tiegħu, u, min-naħa l-oħra, il-posponiment, għal għaxar snin ukoll, tat-terminu inizjalment previst minn dan l-istess leġiżlatur għad-diżattivazzjoni u għat-twaqqif tal-produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant attiv – Assenza ta' evalwazzjoni tal-effett fuq l-ambjent"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost preċedentement [7], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li proġetti, fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2011/92, għandhom, qabel jiġu awtorizzati, ikunu suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent skont l-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva, meta dawn x'aktarx ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, b'mod partikolari minħabba n-natura tagħhom, id-daqs tagħhom jew il-post tagħhom.

Madankollu, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/92 ma jeżiġix li kull proġett li jista' jkollu impatt sinjifikattiv fuq l-ambjent għandu jkun suġġett għall-proċedura ta' evalwazzjoni prevista minn din id-direttiva, iżda li għandhom ikunu suġġetti għaliha biss dawk imsemmija fl-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, li jagħmel riferiment għall-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tagħha.

F'dan ir-rigward, minn qari flimkien tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/92 jirriżulta li l-proġetti li jaqgħu taħt l-Anness I ta' din id-direttiva jippreżentaw, min-natura tagħhom, riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent u għandhom neċessarjament ikunu suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti ambjentali tagħhom.

## b) Proġetti li jistgħu jippreżentaw riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent (Anness II)

### i. Determinazzjoni tan-neċessità ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent

***Sentenza tal-24 ta' Ottubru 1996 (il-Qorti tal-Ġustizzja f'seduta plenarja), Kraaijeveld et (C-72/95, EU:C:1996:404)***

*"Ambjent – Direttiva 85/337/KEE – Evalwazzjoni tal-impatt ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost preċedentement [8], il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistiedna wkoll tinterpreta l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 85/337. Konformement ma' din id-dispożizzjoni, il-proġetti li jaqgħu taħt il-klassijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva jkunu suġġetti għal evalwazzjoni meta l-Istati Membri jqisu li l-karatteristiċi tagħhom jeħtieġu hekk.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, għalkemm it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 85/337 jippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw ċerti tipi ta' proġetti li għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni u jistabbilixxu kriterji u/jew livelli minimi li għandhom jintużaw sabiex ikunu jistgħu jiġu ddeterminati liema proġetti għandhom ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni, dan il-marġni ta' evalwazzjoni huwa limitat

[7] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima I.1.a) "Kunċett ta' 'proġett'". Din is-sentenza tinsab ukoll fit-Taqsima I.2.c) "Eżenzjonijiet mill-obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti", u fit-Taqsima III. 1 "Atti nazzjonali adottati bi ksur tad-Direttiva 2011/92".

[8] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II. 1. a) "Kunċett ta' 'proġett'".

mill-obbligu, stabbilit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva, li l-proġetti li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, b'mod partikolari minħabba n-natura tagħhom, id-daqs tagħhom jew il-post tagħhom, ikunu suġġetti għal studju tal-effetti.

Għalhekk, Stat Membru li jistabbilixxi l-kriterji u/jew il-livelli minimi għad-determinazzjoni tal-proġetti li għandhom ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni f'tali livell li, fil-prattika, il-proġetti kollha li jaqgħu taħt klassi elenkata fl-Anness II ikunu eżentati minn qabel mill-obbligu ta' studju tal-effetti, jaqbeż il-marġni ta' evalwazzjoni li huwa jkollu taħt l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva, ħlief jekk il-proġetti esklużi kollha jkunu jistgħu jitqiesu, abbażi ta' evalwazzjoni globali, li ma jistax ikollhom effetti kunsiderevoli fuq l-ambjent.

***Sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, Salzburger Flughafen (C-244/12, EU:C:2013:203)***

*"Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent – Direttiva 85/337/KEE – Artikoli 2(1) u 4(2) – Proġetti li jaqgħu taħt l-Anness II – Xogħlijiet ta' estensjoni tal-infrastruttura ta' ajruport – Eżami fuq il-bażi ta' livelli jew ta' kriterji – Artikolu 4(3) – Kriterji ta' selezzjoni – Punt 2(g) tal-Anness III – Żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni"*

It-tagħlimiet tas-sentenza Kraaijeveld *et* [9] dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 85/337 ġew ikkonfermati u żviluppati fis-sentenza Salzburger Flughafen, li rrigwardat il-kwistjoni dwar jekk proġett bħall-proġett ta' estensjoni tal-infrastruttura tal-ajruport ta' Salzburg (l-Awstrija) inkwistjoni f'din il-kawża kellux ikun suġġett għal evalwazzjoni tal-effetti tiegħu fuq l-ambjent fis-sens tad-Direttiva 85/337 [10].

F'dan ir-rigward, il-leġiżlazzjoni Awstrijaka li kienet tittrasponi d-Direttiva 85/337 kienet tipprevedi li, minbarra ċerti bidliet marbuta mal-mitjar, kienu biss il-bidliet fl-ajruporti li setgħu jżidu n-numru ta' movimenti tal-ajru b'mill-inqas 20 000 fis-sena li kellhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali.

Adita b'rikors ippreżentat mill-operatur tal-ajruport ta' Salzburg kontra d-deċiżjoni tal-awtorità amministrattiva kompetenti li l-proġett ta' estensjoni tal-infrastruttura tal-ajruport sottomess minn dan l-operatur kien jeħtieġ evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Superjuri, l-Awstrija) iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-Direttiva 85/337 kinitx tipprekludi l-leġiżlazzjoni Awstrijaka ta' traspożizzjoni ċċitata preċedentement.

B'risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, għalkemm l-Artikolu 4(2)(b) tad-Direttiva 85/337 jagħti lill-Istati Membri marġni ta' evalwazzjoni sabiex jistabbilixxu limiti jew kriterji sabiex jiġi ddeterminat jekk proġett bħal dak inkwistjoni, li jaqa' taħt il-klassijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva, kellux jiġi suġġett għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, l-Awstrija kienet qabżet dan il-marġni ta'

9 Sentenza tal-24 ta' Ottubru 1996, Kraaijeveld *et* (C-72/95, EU:C:1996:404).
10 Kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE tat-3 ta' Marzu 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 151).

evalwazzjoni peress li l-limitu stabbilit ta' mill-inqas 20 000 moviment bl-ajru fis-sena kellu bħala konsegwenza li l-bidliet magħmula fl-infrastruttura tal-ajruporti ta' daqs żgħir jew medju, ma jkunu qatt ser jistgħu, fil-prattika, jagħtu lok għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, filwaqt li bl-ebda mod ma seta' jiġi eskluż li tali xogħlijiet kellhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

Barra minn hekk, permezz tal-iffissar ta' tali livell għall-finijiet tad-deċiżjoni dwar il-ħtieġa li titwettaq evalwazzjoni ambjentali ta' proġetti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-leġiżlazzjoni Awstrijaka ta' traspożizzjoni, minkejja l-obbligu impost fuq l-Istati Membri bl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 85/337, ħadet inkunsiderazzjoni biss l-aspett kwantitattiv tal-konsegwenzi ta' proġett, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni kriterji oħra ta' selezzjoni tal-Anness III ta' din id-direttiva, b'mod partikolari dak stabbilit fil-punt 2(g) ta' dan l-anness, jiġifieri d-densità tal-popolazzjoni taż-żona kkonċernata mill-proġett.

## ii. Motivazzjoni tad-deċiżjoni li proġett ma jkunx suġġett għal evalwazzjoni

***Sentenza tat-30 ta' April 2009, Mellor (C-75/08,*** EU:C:2009:279)

*"Direttiva 85/337/KEE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' proġetti fuq l-ambjent – Obbligu li ssir pubblika l-motivazzjoni ta' deċiżjoni li ma ssirx evalwazzjoni ta' proġett"*

Adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari ppreżentat mill-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) (il-Qorti tal-Appell (Ingilterra u Wales) (Sezzjoni Ċivili), ir-Renju Unit), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat b'liema mod għandha tiġi motivata deċiżjoni tal-awtorità amministrattiva kompetenti li ma titwettaqx evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent ta' proġett li jaqa' taħt l-Anness II tad-Direttiva 85/337.

F'Ottubru 2006, Partnerships in Care ppreżentat talba għal permess għall-kostruzzjoni ta' sptar ta' sigurtà medja fuq art li tinsab f'post rurali fiż-żona ta'  pajsaġġ eċċezzjonali ta' Nidderdale ("Nidderdale Area of Outstanding Natural Beauty").

Permezz ta' ittra tal-4 ta' Diċembru 2006, is-Secretary of State for Communities and Local Government (iktar 'il quddiem is-"Secretary of State") ippubblika deċiżjoni li kienet tipprovdi li evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent ma kinitx neċessarja. Huwa mmotiva din id-deċiżjoni bil-fatt li l-proġett in kwistjoni kien "proġett tat-tip li jinsab fl-Anness II" li ma setax ikollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent minħabba fatturi bħan-natura tiegħu, id-daqs tiegħu jew il-post tiegħu. Ma ngħatawx raġunijiet iktar iddettaljati.

C. Mellor ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni tas-Secretary of State, li ġie miċħud mill-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (Ingilterra u Wales), Sezzjoni tal-Queen's Bench, ir-Renju Unit). Adita b'appell, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tagħmel id-domandi preliminari dwar jekk u, jekk ikun il-każ,

b'liema mod għandha tiġi mmotivata deċiżjoni li ma ssirx evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent skont id-Direttiva 85/337 [11].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/337 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeħtieġx li d-deċiżjoni, li tikkonkludi li ma jkunx neċessarju li proġett li jaqa' taħt l-Anness II tal-imsemmija direttiva jkun suġġett għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, tinkludi hija stess ir-raġunijiet li għalihom l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li tali evalwazzjoni ma tkunx neċessarja. Madankollu, fl-ipoteżi li persuna kkonċernata titlob dan, l-awtorità amministrattiva kompetenti għandha l-obbligu li tikkomunikalha l-motivi li għalihom tkun ittieħdet din id-deċiżjoni jew l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti bi tweġiba għat-talba ppreżentata. Din il-komunikazzjoni ulterjuri tista' tieħu l-forma mhux biss ta' dikjarazzjoni espliċita tal-motivi, iżda wkoll tat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni u ta' dokumenti rilevanti bi tweġiba għat-talba ppreżentata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, barra minn hekk, li, fil-każ fejn id-deċiżjoni ta' Stat Membru li ma jissuġġettax proġett li jaqa' taħt l-Anness II tad-Direttiva 85/337 għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent konformement mal-Artikoli 5 sa 10 tal-imsemmija direttiva tindika l-motivi li fuqhom tkun ibbażata, l-imsemmija deċiżjoni tkun motivata suffiċjentement meta l-motivi li hija tinkludi, flimkien mal-elementi li jkunu diġà ġew ikkomunikati lill-persuni kkonċernati, u eventwalment ikkompletati mill-informazzjoni addizzjonali neċessarja li l-amministrazzjoni nazzjonali kompetenti tkun obbligata li tipprovdilhom fuq talba tagħhom, ikunu tali li jippermettulhom jieħdu deċiżjoni dwar l-opportunità li jippreżentaw rikors kontra din id-deċiżjoni.

### c) Eżenzjonijiet mill-obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti

***Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019 (Awla Manja), Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17,*** EU:C:2019:622)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Konvenzjoni ta' Espoo – Konvenzjoni ta' Aarhus – Konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa – Direttiva 92/43/KEE – Artikolu 6(3) – Kunċett ta' 'proġett' – Evalwazzjoni tal-effetti fuq is-sit ikkonċernat – Artikolu 6(4) – Kunċett ta' 'raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku kbir' – Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi – Direttiva 2009/147/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Artikolu 1(2)(a) – Kunċett ta' 'proġett' – Artikolu 2(1) – Artikolu 4(1) – Evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent – Artikolu 2(4) – Eżenzjoni tal-evalwazzjoni – Twaqqif gradwali tal-enerġija nukleari – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, minn naħa, il-bidu mill-ġdid, għal madwar għaxar snin, tal-attività ta' produzzjoni industrijali ta' elettriku minn impjant*

[11] Kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

*nukleari sakemm jitwaqqaf, b'effett ta' posponiment ta' għaxar snin mid-data inizjalment iffissata mil-leġiżlatur nazzjonali għad-diżattivazzjoni u t-tmiem tal-attività tiegħu, u, min-naħa l-oħra, il-posponiment, għal għaxar snin ukoll, tat-terminu inizjalment previst minn dan l-istess leġiżlatur għad-diżattivazzjoni u għat-twaqqif tal-produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant attiv – Assenza ta' evalwazzjoni tal-effett fuq l-ambjent"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost preċedentement [12], il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat ukoll l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2011/92, li jippermetti lill-Istati Membri, f'każijiet eċċezzjonali, jeżentaw proġett speċifiku kollu jew parti minnu mid-dispożizzjonijiet previsti minn din id-direttiva.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li Stat Membru huwa awtorizzat jeżenta, skont din id-dispożizzjoni, proġett dwar l-estensjoni tal-produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant nukleari minn evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent bl-għan li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku tiegħu biss fil-każ fejn huwa juri b'mod partikolari li r-riskju għas-sigurtà ta' din il-provvista jkun raġonevolment probabbli u li l-proġett inkwistjoni jkollu natura ta' urġenza li tista' tiġġustifika l-assenza ta' tali evalwazzjoni. Din il-possibbiltà ta' eżenzjoni hija madankollu bla ħsara għall-obbligu ta' evalwazzjoni ambjentali li huwa marbut mal-proġetti li, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikollhom effetti transkonfinali.

## 3. Portata tal-evalwazzjoni tal-effetti

***Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Leth (C-420/11,*** [EU:C:2013:166)](EU:C:2013:166)

*"Ambjent – Direttiva 85/337/KEE – Stima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent – Awtorizzazzjoni ta' tali proġett fin-nuqqas ta' evalwazzjoni xierqa – Għanijiet ta' din l-evalwazzjoni – Kundizzjonijiet li hija suġġetta għalihom l-eżistenza ta' dritt għal kumpens – Inklużjoni jew le tal-protezzjoni tal-individwi kontra d-danni patrimonjali"*

B'risposta għal rinviju għal deċiżjoni preliminari mressaq mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tal-evalwazzjoni tal-effetti skont id-Direttiva 85/337 [13] meta l-proġett inkwistjoni jagħti lok ukoll għal problemi mhux normali ta' viċinat.

Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, J. Leth, kienet il-proprjetarja ta' dar fil-perimetru ta' sigurtà tal-ajruport ta' Wien-Schwechat fl-Awstrija. Fiż-żmien li matulu kienet fis-seħħ id-Direttiva 85/337, fil-verżjonijiet suċċessivi tagħha, dan l-ajruport kien is-suġġett ta' diversi

[12] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima I.1.a) "Kunċett ta' 'proġett'". Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll taħt it-Taqsima I.2.a) "Proġetti li jippreżentaw riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent (Anness I)" u t-Taqsima III. 1 "Atti nazzjonali adottati bi ksur tad-Direttiva 2011/92".

[13] Kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE tat-3 ta' Marzu 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 151), u bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

miżuri ta’ estensjoni, mingħajr l-effetti ta’ din l-estensjoni ma kienu suġġetti għal evalwazzjoni skont din id-direttiva.

Quddiem il-qrati Awstrijaki, J. Leth talbet mingħand l-Istat Awstrijak u mingħand il-Land Niederösterreich (l-Awstrija) kumpens għad-danni għat-telf fil-valur tal-proprjetà tagħha minħabba l-istorbju u argumentat, insostenn ta’ din it-talba, li l-effetti ambjentali tal-proġetti ta’ estensjoni kien imisshom kienu suġġetti għal evalwazzjoni skont id-Direttiva 85/337.

Adita b’din il-kawża, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) xtaqet b’mod partikolari tkun taf jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/337 kellux jiġi interpretat fis-sens li l-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, kif prevista f’dan l-artikolu, tinkludi l-evalwazzjoni tal-effetti tal-proġett inkwistjoni fuq il-valur tal-beni materjali.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, b’applikazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/337, għandhom jiġu eżaminati l-effetti diretti u indiretti ta’ proġett fuq, b’mod partikolari, il-bniedem u l-beni materjali u, konformement mar-raba’ inċiż ta’ dan l-artikolu, għandhom jiġu eżaminati wkoll tali effetti fuq l-interazzjoni bejn dawn iż-żewġ fatturi. Għalhekk, għandu jiġi evalwat, b’mod partikolari, l-effett ta’ proġett fuq l-użu tal-beni materjali mill-bniedem.

Minn dan isegwi li, fl-evalwazzjoni ta’ proġetti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jistgħu joħolqu ħsejjes qawwija ta’ ajruplani, għandhom jiġu eżaminati l-effetti ta’ dawn tal-aħħar fuq l-użu tal-bini mill-bniedem. Madankollu, estensjoni tal-evalwazzjoni ambjentali għall-valur patrimonjali tal-beni materjali ma tistax tiġi dedotta mill-formulazzjoni tal-imsemmi Artikolu 3 u din lanqas ma hija konformi mal-għan tad-Direttiva 85/337.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali prevista fl-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva għandha tidentifika, tiddeskrivi u tevalwa l-effetti diretti u indiretti tal-istorbju fuq il-bniedem fil-każ ta’ użu ta’ beni immobbli affettwat minn proġett bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Min-naħa l-oħra, din l-evalwazzjoni ma tinkludix l-effetti ta’ tali proġett fuq il-valur tal-beni materjali.

***Sentenza tal-24 ta’ Frar 2022, Namur-Est Environnement (C-463/20, [EU:C:2022:121)](#) [14]***

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti proġetti fuq l-ambjent – Direttiva 92/43/KEE – Konservazzjoni tal-habitats naturali – Rabta bejn il-proċedura ta’ evalwazzjoni u ta’ awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/92/UE u proċedura nazzjonali ta’ deroga mill-miżuri ta’ protezzjoni tal-ispeċi previsti fid-Direttiva 92/43/KEE – Kunċett ta’ ‘awtorizzazzjoni’ – Proċess deċiżjonali kumpless –*

[14] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima I.4.b) “Determinazzjoni tal-kundizzjonijiet proċedurali li fihom issir l-evalwazzjoni tal-effetti”, u fit-Taqsima I.5.a)ii. “Parteċipazzjoni tal-pubbliku matul proċess deċiżjonali f’diversi stadji”.

*Obbligu ta' evalwazzjoni – Portata materjali – Stadju proċedurali li fih għandha tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali"*

Adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari mressaq mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju), il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat il-portata tal-evalwazzjoni tal-effetti skont id-Direttiva 2011/92 meta l-proġett inkwistjoni jimplika li l-iżviluppatur jikseb deroga mill-miżuri ta' protezzjoni tal-ispeċi ta' annimali u ta' pjanti previsti mid-Direttiva 92/43.

Fl-4 ta' Novembru 2008, il-kumpannija Sagrex SA ppreżentat, lill-awtorità kompetenti tar-Reġjun ta' Wallonie, talba għal permess uniku dwar proġett li kien jipprevedi l-użu mill-ġdid ta' barriera ta' iktar minn 50 ettaru li tinsab fis-sit ta' Bossimé (il-Belġju) u l-kostruzzjoni ta' installazzjonijiet kif ukoll l-iżviluppi relatati ma' dan, b'mod partikolari max-xatt tax-xmara Maas.

Fl-1 ta' Settembru 2010, din l-awtorità stiednet lil Sagrex tippreżentalha pjanijiet emendati u evalwazzjoni addizzjonali tal-effetti ambjentali tal-proġett inkwistjoni.

Fil-15 ta' April 2016, Sagrex ippreżentat quddiem l-inspecteur général (l-Ispettur Ġenerali) tad-Dipartiment tan-Natura u tal-Foresti tar-Reġjun ta' Wallonie talba għal deroga mill-miżuri ta' protezzjoni tal-ispeċi ta' annimali u ta' pjanti previsti fil-Leġiżlazzjoni Belġjana li tittrasponi d-Direttiva 92/43, b'rabta ma' dan il-proġett. Permezz ta' deċiżjoni ta' deroga tas-27 ta' Ġunju 2016, l-Ispettur Ġenerali laqa' din it-talba, bil-kundizzjoni li Sagrex timplimenta sensiela ta' miżuri ta' mitigazzjoni.

Tliet xhur iktar tard, Sagrex issottomettiet lill-awtorità kompetenti tar-Reġjun ta' Wallonie l-pjanijiet emendati u l-evalwazzjoni addizzjonali tal-proġett li kienet ġiet mitluba għalihom fl-1 ta' Settembru 2010. Permezz ta' digriet tal-25 ta' Settembru 2017, il-ministre de la Région wallonne en charge de l'Environnement et de l'Aménagement du territoire (il-Ministru tar-Reġjun ta' Wallonie responsabbli għall-Ambjent u għall-Ippjanar tat-Territorju) madankollu rrifjuta li jagħti l-permess uniku mitlub minn Sagrex.

Fil-frattemp, l-Assoċjazzjoni Namur-Est Environnement ippreżentat, quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat), rikors għall-annullament tad-deċiżjoni ta' deroga tas-27 ta' Ġunju 2016 tal-Ispettur Ġenerali. Insostenn tar-rikors tagħha, l-assoċjazzjoni sostniet b'mod partikolari li din id-deċiżjoni ta' deroga kienet taqa' taħt l-awtorizzazzjoni ta' proġett, fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2011/92, b'tali mod li hija kellha tkun ippreċeduta minn evalwazzjoni tal-effetti ambjentali u mill-konsultazzjoni tal-pubbliku li jakkumpanjaha, li ma kienx il-każ.

F'dan il-kuntest, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi preliminari dwar, b'mod partikolari, l-obbligu ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni previst fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/92 għall-proġetti li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mid-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva 2011/92 isegwi li d-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni ta' proġetti li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent hija mitluba fi tmiem proċess sħiħ ta' evalwazzjoni tal-

imsemmija proġetti. Dan il-proċess deċiżjonali, li l-awtorizzazzjoni tikkostitwixxi l-punt ta' konklużjoni tiegħu, għandu jwassal lill-awtorità kompetenti tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod komplet, effetti li l-proġetti suġġetti għall-obbligu doppju ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni previst fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/92 jista' jkollhom fuq l-ambjent.

Minn dan irriżulta li, fil-każ speċifiku li t-twettiq ta' proġett suġġett għal dan l-obbligu doppju ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni jimplika li l-iżviluppatur jitlob u jikseb deroga mill-miżuri ta' protezzjoni tal-ispeċi ta' annimali u ta' pjanti previsti fid-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jiżguraw it-traspożizzjoni tad-Direttiva 92/43 u li, għaldaqstant, dan il-proġett seta' jkollu effetti fuq dawn l-ispeċi, l-evalwazzjoni tal-imsemmi proġett għandha tirrigwarda, b'mod partikolari, dawn l-effetti.

## 4. Proċeduri ta' awtorizzazzjoni f'diversi stadji

### a) Mument li fih għandha ssir l-evalwazzjoni tal-effetti

***Sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Wells (C-201/02,** EU:C:2004:12)* [15]

*"Direttiva 85/337/KEE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent – Miżura nazzjonali li tagħti awtorizzazzjoni għall-operat tal-minjieri mingħajr ma twettaq evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent – Effett dirett tad-direttivi – Sitwazzjoni trijangolari"*

Fis-sentenza tagħha Wells, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat b'mod partikolari f'liema mument għandha ssir l-evalwazzjoni tal-effetti skont id-Direttiva 85/337 meta l-proċedura ta' awtorizzazzjoni tgħaddi minn diversi stadji.

Il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court) (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (Ingilterra u Wales), Sezzjoni tal-Queen's Bench (Awla Amministrattiva), ir-Renju Unit) kienet adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja b'rinviju għal deċiżjoni preliminari fil-kuntest ta' kawża bejn D. Wells u l-awtoritajiet tar-Renju Unit dwar it-tkomplija tal-operat ta' Conygar Quarry, barriera ta' estrazzjoni ta' materjal ta' kostruzzjoni li tinsab viċin id-dar residenzjali tagħha.

Din il-barriera, li l-operat tagħha kien ġie awtorizzat fl-1947, kienet ilha snin ma tintuża meta D. Wells akkwistat id-dar tagħha fl-1984. Madankollu, fuq talba tal-proprjetarji tal-barriera, il-Mineral Planning Authority (l-Awtorità Responsabbli għall-Ippjanar tat-Territorju fil-Qasam tal-Minerali, iktar 'il quddiem il-"MPA") kompetenti rreġistrat l-awtorizzazzjoni l-antika għall-operat tal-barriera permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Awwissu 1992, filwaqt li ddikjarat li l-ebda operat ma seta' jsir legalment sakemm ma

[15] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima I.6.a) "Effett dirett vertikali tad-direttivi u riperkussjonijiet negattivi fuq id-drittijiet ta' terzi".

tiġix ippreżentata talba għall-iffissar ta’ kundizzjonijiet ġodda u bil-kundizzjoni li din it-talba tingħata b’mod definittiv.

Adita mill-proprjetarji tal-barriera b’talba sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet tal-operat ġodda, il-MPA imponiet, permezz ta’ deċiżjoni tat-22 ta’ Diċembru 1994, kundizzjonijiet iktar stretti minn dawk proposti mill-proprjetarji. Għalhekk, dawn tal-aħħar eżerċitaw id-dritt tagħhom għal azzjoni legali quddiem is-Secretary of State for Transport, Local Government and the Regions (iktar ’il quddiem is-“Secretary of State”).

Permezz ta’ deċiżjoni tal-25 ta’ Ġunju 1997, is-Secretary of State impona 54 kundizzjoni għall-operat, filwaqt li ħalla xi punti għall-evalwazzjoni tal-MPA. Dawn il-punti ġew approvati mill-MPA, permezz ta’ deċiżjoni tat-8 ta’ Lulju 1999.

La s-Secretary of State u lanqas il-MPA ma eżaminaw il-kwistjoni dwar jekk kienx neċessarju li titwettaq evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent skont id-Direttiva 85/337.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, D. Wells talbet lis-Secretary of State jieħu miżuri xierqa, jiġifieri li jirtira jew jimmodifika l-permess ta’ operat, sabiex jirrimedja l-assenza ta’ evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent fil-proċedura ta’ awtorizzazzjoni. Peress li t-talba tagħha baqgħet mingħajr tweġiba, hija ppreżentat rikors quddiem il-High Court of Justice (England & Wales), Queen’s Bench Division (Administrative Court) (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (Ingilterra u Wales), Sezzjoni tal-Queen’s Bench (Awla Amministrattiva), li għamlet diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

F’dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat b’mod partikolari f’liema mument għandha ssir l-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent fil-kuntest ta’ proċedura ta’ awtorizzazzjoni f’diversi stadji, bħal dik inkwistjoni f’din il-kawża.

Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 85/337, l-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent għandha ssir “qabel ma jingħata kunsens”. Skont l-ewwel premessa tal-imsemmija direttiva, huwa previst, barra minn hekk, li, fil-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjoni, l-awtorità kompetenti għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-effetti tal-proġett inkwistjoni fuq l-ambjent “kemm jista’ jkun kmieni”.

Għaldaqstant, meta d-dritt nazzjonali jipprevedi li l-proċedura ta’ awtorizzazzjoni tiżvolġi f’diversi stadji, li waħda minnhom tkun deċiżjoni prinċipali u l-oħra deċiżjoni ta’ eżekuzzjoni li ma tistax tmur lil hinn mill-parametri stabbiliti bid-deċiżjoni prinċipali, l-effetti li l-proġett jista’ jkollu fuq l-ambjent għandhom jiġu identifikati u evalwati matul il-proċedura dwar id-deċiżjoni prinċipali. Huwa biss fil-każ li dawn l-effetti ikunu identifikabbli biss waqt il-proċedura dwar id-deċiżjoni ta' eżekuzzjoni li l-evalwazzjoni jkollha ssir matul din il-proċedura.

## b) Determinazzjoni tal-kundizzjonijiet proċedurali li fihom issir l-evalwazzjoni tal-effetti

***Sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Namur-Est Environnement (C-463/20,* EU:C:2022:121)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent – Direttiva 92/43/CEE – Konservazzjoni tal-habitats naturali – Rabta bejn il-proċedura ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/92/UE u proċedura nazzjonali ta' deroga mill-miżuri ta' protezzjoni tal-ispeċi previsti fid-Direttiva 92/43/KEE – Kunċett ta' 'awtorizzazzjoni' – Proċess deċiżjonali kumpless – Obbligu ta' evalwazzjoni – Portata materjali – Stadju proċedurali li fih għandha tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost preċedentement [16], il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni wkoll dwar il-marġni ta' evalwazzjoni li għandhom l-Istati Membri sabiex jiddeterminaw il-kundizzjonijiet proċedurali li fihom issir l-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali skont id-Direttiva 2011/92 meta l-proċess deċiżjonali jiżvolġi f'diversi stadji.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2011/92 jipprevedi espliċitament li l-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali tista' tiddaħħal fil-proċeduri nazzjonali ta' awtorizzazzjoni eżistenti. Minn dan jirriżulta, minn naħa, li l-imsemmija evalwazzjoni ma għandhiex neċessarjament issir fil-kuntest ta' proċedura speċjalment maħluqa għal dan il-għan u, min-naħa l-oħra, li lanqas ma għandha neċessarjament titwettaq fil-kuntest ta' proċedura unika.

Għaldaqstant, għalkemm l-Istati Membri għandhom marġni ta' evalwazzjoni li jippermettilhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet proċedurali li fihom titwettaq l-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali u li jqassmu d-diversi kompetenzi relatati magħha bejn diversi awtoritajiet, b'mod partikolari billi jagħtu lil kull waħda minnhom setgħa deċiżjonali fil-qasam, l-eżerċizzju ta' dan il-marġni ta' evalwazzjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti imposti mid-Direttiva 2011/92 u jiżgura l-osservanza sħiħa tal-għanijiet imfittxija minnha. Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali ta' proġett għandha, fi kwalunkwe każ, minn naħa, tkun kompleta u, min-naħa l-oħra, issir qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni ta' dan il-proġett.

Fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet tal-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, barra minn hekk, li, fil-każ li Stat Membru jafda s-setgħa ta' evalwazzjoni ta' parti mill-effetti ambjentali ta' proġett u s-setgħa ta' deċiżjoni fi tmiem din l-evalwazzjoni parzjali lil awtorità li ma tkunx dik li lilha jagħti s-setgħa ta' awtorizzazzjoni ta' dan il-proġett, din id-deċiżjoni għandha neċessarjament tiġi adottata qabel l-awtorizzazzjoni tal-imsemmi proġett. Barra minn hekk, la l-evalwazzjoni parzjali u lanqas id-deċiżjoni minn qabel ma

---

[16] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima I.3. "Portata tal-evalwazzjoni tal-effetti". Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima I.5.a)ii. "Parteċipazzjoni tal-pubbliku matul proċess deċiżjonali f'diversi stadji".

jistgħu jippreġudikaw, l-ewwel waħda, l-evalwazzjoni globali li l-awtorità kompetenti sabiex tawtorizza l-proġett għandha fi kwalunkwe każ twettaq u, it-tieni waħda, id-deċiżjoni adottata wara din l-evalwazzjoni globali.

## 5. Parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali u aċċess għall-ġustizzja

### a) Parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali

#### i. Modalitajiet ta' informazzjoni lill-pubbliku

***Sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, Flausch et (C-280/18,** EU:C:2019:928)*

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent – Parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali u aċċess għall-ġustizzja – Dekorrenza tat-termini għall-preżentata ta' rikors"*

B'risposta għal rinviju għal deċiżjoni preliminari magħmul mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Kunsill tal-Istat, il-Greċja), il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet preċiżazzjonijiet dwar il-modalitajiet ta' informazzjoni u ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali fil-qasam ambjentali skont id-Direttiva 2011/92.

It-tilwima fil-kawża prinċipali qamet fir-rigward ta' proġett għall-ħolqien ta' kumpless turistiku fil-gżira Griega ta' Ios. Konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, sejħa, lil kull persuna interessata, sabiex tipparteċipa fil-proċedura ta' evalwazzjoni tal-effetti ambjentali ta' dan il-proġett ġiet ippubblikata fil-ġurnal lokali tal-gżira ta' Syros (l-arċipelagu ta' Cyclades, il-Greċja) kif ukoll fl-uffiċċji tal-amministrazzjoni tar-reġjun tal-Eġew tan-Nofsinhar tal-istess gżira, li tinsab f'distanza ta' 55 mil nawtiku mill-gżira ta' Ios u mingħajr rabta ta' kuljum magħha.

Sena wara, il-Ministri għall-Ambjent u għall-Enerġija u għat-Turiżmu adottaw id-deċiżjoni li approvat il-proġett ta' ħolqien tal-kumpless turistiku. Din id-deċiżjoni ġiet ippubblikata fil-portal governattiv *Diavgeia* u fis-sit internet tal-Ministeru għall-Ambjent.

Diversi proprjetarji ta' proprjetajiet immobbli fuq il-gżira ta' Ios u tliet assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent ippreżentaw rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni ta' approvazzjoni iktar minn 18-il xahar wara l-adozzjoni tagħha. Huma sostnew li saru jafu biha biss meta bdew ix-xogħlijiet ta' żvilupp tas-sit.

F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju ppreċiżat li, konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/92, sakemm reġistru ambjentali elettroniku ma jkunx ġie introdott, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku meħtieġa minn din id-direttiva tiġi mnedija bl-avviż fis-sede tar-reġjun kompetenti u permezz tal-pubblikazzjoni, fl-istampa lokali, ta' informazzjoni dwar il-proġett kif ukoll permezz ta'

stedina, lil kull persuna kkonċernata, sabiex tieħu konjizzjoni tal-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent u sabiex tesprimi ruħha dwarhom.

Il-leġiżlazzjoni Griega kienet tipprevedi, barra minn hekk, terminu ta' 60 jum għall-preżentata ta' rikors għall-annullament ta' deċiżjonijiet bħal dawk li awtorizzaw il-kumpless turistiku fuq il-gżira ta' Ios, li jibda jiddekorri mill-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-internet.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari dwar jekk il-proċedura ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku li ppreċediet l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kinitx tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/92 u jekk it-terminu għall-preżentata ta' rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni setax jibda jiddekorri mill-pubblikazzjoni tagħha fuq sit internet.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, qabelxejn, li d-Direttiva 2011/92 tirriżerva espressament lill-Istati Membri l-kompitu li jiddeterminaw il-modalitajiet preċiżi ta' informazzjoni u ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali fil-qasam ambjentali, bil-kundizzjoni, madankollu, li dawn ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma jirrendux, fil-prattika, impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività).

Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-kanali ta' informazzjoni użati jkunu xierqa sabiex jilħqu liċ-ċittadini kkonċernati, sabiex jingħataw possibbiltà adegwata li jkunu jafu l-attivitajiet ippjanati, il-proċess deċiżjonali u l-possibbiltajiet tagħhom li jipparteċipaw fi stadju bikri tal-proċedura.

Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li avviż fil-bini tas-sede amministrattiva reġjonali, li jinsab fuq il-gżira ta' Syros, għalkemm flimkien ma' pubblikazzjoni f'ġurnal lokali ta' din il-gżira, ma kienx jidher li kkontribwixxa b'mod adegwat għall-informazzjoni tal-pubbliku kkonċernat minn proġett immobiljari li t-twettiq tiegħu kien previst fuq gżira oħra li tinsab f'distanza ta' 55 mil nawtiku.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, sussegwentement, li l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-fajl tal-proċedura ta' parteċipazzjoni għandhom jippermettu lill-pubbliku kkonċernat jeżerċita d-drittijiet tiegħu b'mod effettiv, li jimplika aċċessibbiltà għall-imsemmi fajl b'mod faċli. Kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tiddetermina jekk tali rekwiżiti ġewx osservati fit-tilwima fil-kawża prinċipali, billi tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-isforz li l-pubbliku kkonċernat kellu jagħmel sabiex iwettaq it-traġitt bejn il-gżejjer ta' Ios u ta' Syros kif ukoll il-possibbiltajiet li kellhom l-awtoritajiet kompetenti sabiex jippermettu, bi sforz proporzjonat, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-fajl fil-gżira ta' Ios.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-Direttiva 2011/92 tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bih jiġi invokat, kontra membri tal-pubbliku kkonċernat għall-preżentata ta' rikors, terminu li jibda jiddekorri mill-avviż fuq l-internet ta' awtorizzazzjoni ta' proġett,

meta huma ma kellhomx il-possibbiltà adegwata minn qabel li jinformaw ruħhom dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni konformement mar-rekwiżiti ta' din id-direttiva.

## ii. Parteċipazzjoni tal-pubbliku matul proċess deċiżjonali f'diversi stadji

***Sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Namur-Est Environnement (C-463/20,*** **EU:C:2022:121)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent – Direttiva 92/43/KEE – Konservazzjoni tal-habitats naturali – Rabta bejn il-proċedura ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/92/UE u proċedura nazzjonali ta' deroga mill-miżuri ta' protezzjoni tal-ispeċi previsti fid-Direttiva 92/43/KEE – Kunċett ta' 'awtorizzazzjoni' – Proċess deċiżjonali kumpless – Obbligu ta' evalwazzjoni – Portata materjali – Stadju proċedurali li fih għandha tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali"*

F'din il-kawża, li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost preċedentement [17], il-qorti tar-rinviju staqsiet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku, skont id-Direttiva 2011/92, fi proċess deċiżjonali kumpless li jkun ikkaratterizzat mill-fatt li awtorità partikolari tintalab tevalwa, fi stadju preliminari jew intermedju tal-imsemmi proċess, parti biss mill-effetti ambjentali tal-proġett ikkonċernat.

Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2011/92 jobbligaw lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw, fil-kuntest tal-proċess ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni tal-proġetti suġġetti għal din id-direttiva, parteċipazzjoni tal-pubbliku li tissodisfa numru ta' rekwiżiti. F'dan ir-rigward, l-imsemmija artikoli jeżiġu li l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali sseħħ fi stadju bikri, li tkun effettiva u li r-riżultat ta' din il-parteċipazzjoni jittieħed inkunsiderazzjoni mill-awtorità kompetenti fid-deċiżjoni tagħha li tawtorizza jew le l-proġett ikkonċernat.

Issa, jista' jirriżulta li jkun diffiċli biex dawn id-diversi rekwiżiti jiġu rrikonċiljati fil-kuntest ta' proċess deċiżjonali kumpless, b'mod partikolari fl-ipoteżi meta awtorità partikolari tintalab tevalwa, fi stadju preliminari jew intermedju, parti biss mill-effetti ambjentali tal-proġett ikkonċernat.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, f'tali ipoteżi, ir-rekwiżit ta' parteċipazzjoni bikrija tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali għandu jiġi interpretat u applikat b'mod li jiġi rrikonċiljat mar-rekwiżit daqstant ieħor importanti ta' parteċipazzjoni effettiva ta' dan il-pubbliku f'dan il-proċess.

Minn dan isegwi li, fil-kuntest ta' proċess deċiżjonali kumpless kif deskritt mill-qorti tar-rinviju, ir-rekwiżit ta' parteċipazzjoni bikrija tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali previst fl-

[17] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima I.3. "Portata tal-evalwazzjoni tal-effetti". Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima I.4.b) "Determinazzjoni tal-kundizzjonijiet proċedurali li fihom issir l-evalwazzjoni tal-effetti".

Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/92 ma jimponix li qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni minn qabel dwar parti mill-effetti ambjentali tal-proġett ikkonċernat ikun hemm tali parteċipazzjoni, sakemm il-parteċipazzjoni tal-pubbliku tiġi żgurata b'mod effettiv matul il-proċedura. Dan ir-rekwiżit ta' effettività jimplika, l-ewwel, li l-parteċipazzjoni sseħħ qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li jkollha tittieħed mill-awtorità kompetenti sabiex tawtorizza dan il-proġett, it-tieni, li hija tippermetti lill-pubbliku jesprimi ruħu b'mod utli u komplet dwar l-effetti ambjentali kollha tal-imsemmi proġett u, it-tielet, li l-awtorità kompetenti sabiex tawtorizza tali proġett tkun tista' tieħu l-imsemmija parteċipazzjoni inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ.

## b) Aċċess għall-ġustizzja

### i. Obbligi tal-Istati Membri

***Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, (C-137/14,** [EU:C:2015:683)](EU:C:2015:683)*

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Direttiva 2011/92/UE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent – Artikolu 11 – Direttiva 2010/75/UE – Emissjonijiet industrijali (prevenzjoni u tnaqqis integrati tat-tniġġis) – Artikolu 25 – Aċċess għall-ġustizzja – Leġiżlazzjoni proċedurali nazzjonali mhux konformi"*

Fl-2014, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Ġermanja talli kisret, b'mod partikolari, l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92 [18].

Skont l-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, konformement mal-kuntest ġuridiku tagħhom f'dan il-qasam, li l-membri tal-pubbliku kkonċernat, li jkollhom interess ġuridiku suffiċjenti jew li jsostnu ksur ta' dritt, meta d-dritt amministrattiv proċedurali ta' Stat Membru jimponi tali kundizzjoni, ikunu jistgħu jippreżentaw rikors quddiem qorti jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi sabiex jikkontestaw il-legalità, fir-rigward tal-mertu jew tal-proċedura, tad-deċiżjonijiet, tal-atti jew tal-ommissjonijiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92 dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkritikat, *inter alia*, lill-Ġermanja talli kisret l-obbligi li jirriżultaw minn din id-dispożizzjoni, billi din tal-aħħar illimitat:

1) is-sitwazzjonijiet li fihom ikun jista' jintalab l-annullament, minħabba difett proċedurali, ta' deċiżjoni amministrattiva li taqa' taħt id-Direttiva 2011/92 u

[18] F'dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni invokat ukoll ksur tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)(ĠU 2010, L 334, p. 17, rettifika fil-ĠU 2012, L 58, p. 25).

2) il-*locus standi* u l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju għall-oġġezzjonijiet li ġew prodotti matul il-proċedura amministrattiva.

Filwaqt li laqgħet dawn l-ilmenti, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, fl-ewwel lok, li l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92 jipprekludi li l-Istati Membri jillimitaw l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni tal-imsemmi artikolu għall-każ fejn il-legalità ta' deċiżjoni tiġi kkontestata minħabba li l-evalwazzjoni ambjentali tkun tħalliet barra, mingħajr ma jestendu l-applikabbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-każ fejn tali evalwazzjoni tkun twettqet iżda twettqet wara proċedura difettuża.

Barra minn hekk, il-Ġermanja naqset ukoll milli twettaq l-obbligu tagħha skont dan l-artikolu billi llimitat l-annullament tad-deċiżjonijiet minħabba difetti proċedurali għall-assenza tal-evalwazzjoni jew tal-eżami minn qabel tal-effetti fuq l-ambjent u għall-każijiet li fihom ir-rikorrent ikun stabbilixxa li d-difett proċedurali jkollu rabta kawżali mar-riżultat tad-deċiżjoni. Fir-realtà, tali limitazzjoni tirrendi eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt ta' rikors imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92 u tippreġudika l-għan ta' din id-direttiva intiż li l-membri tal-pubbliku kkonċernat jingħataw aċċess wiesa' għall-ġustizzja.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92 jipprekludi l-limitazzjoni, skont dispożizzjoni nazzjonali, tal-*locus standi* u tal-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju għall-oġġezzjonijiet li jkunu diġà tqajmu fit-terminu mogħti matul il-proċedura amministrattiva li tkun wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni li hija s-suġġett tar-rikors.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, għalkemm l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2011/92 ma jeskludix li rikors quddiem awtorità amministrattiva jippreċedi l-azzjoni ġudizzjarja u ma jipprekludix li d-dritt nazzjonali jipprevedi l-obbligu, għar-rikorrent, li jeżawrixxi r-rimedji amministrattivi kollha qabel ma jiġi awtorizzat iressaq rikors ġudizzjarju, din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tippermettix madankollu li jiġu limitati l-mezzi li jkunu jistgħu jiġu invokati minn dan ir-rikorrent insostenn ta' rikors ġudizzjarju.

Barra minn hekk, tali limitazzjoni imposta fuq ir-rikorrent dwar in-natura tal-motivi li huwa permess li jqajjem quddiem il-qorti responsabbli għall-eżami tal-legalità tad-deċiżjoni amministrattiva li tikkonċernah ma tistax tiġi ġġustifikata minn kunsiderazzjonijiet ibbażati fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali. Ma huwa bl-ebda mod stabbilit li stħarriġ ġudizzjarju komplet dwar il-fondatezza tal-imsemmija deċiżjoni jkun tali li jikser dan il-prinċipju.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi, għalkemm il-fatt li jitqajjem motiv għall-ewwel darba fil-kuntest ta' rikors ġudizzjarju jista' jostakola, f'xi każijiet, l-iżvolġiment tajjeb ta' din il-proċedura, l-għan stess imfittex mill-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92 jikkonsisti mhux biss f'li jiġi żgurat lill-parti fil-kawża l-ikbar aċċess possibbli għall-istħarriġ ġudizzjarju, iżda wkoll li jippermetti li dan l-istħarriġ jikkonċerna l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, dwar il-mertu jew dwar il-proċedura, fl-intier tagħha.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-leġiżlatur nazzjonali jista', madankollu, jipprevedi regoli proċedurali speċifiċi, bħall-inammissibbiltà ta' argument ippreżentat b'mod abbużiv jew *in mala fide*, li jikkostitwixxu mekkaniżmi xierqa sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-proċedura ġudizzjarja.

## ii. Ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati minn individwi

***Sentenza tas-16 ta' April 2015, Gruber (C-570/13, EU:C:2015:231)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent – Kostruzzjoni ta' ċentru kummerċjali – Effett vinkolanti ta' deċiżjoni amministrattiva li ma ssirx evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent – Assenza ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva 2011/92 tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-ġirien ikkonċernati minn proġett ta' kostruzzjoni u ta' operat ta' ċentru kummerċjali la jkunu jistgħu jopponu d-deċiżjoni li dan il-proġett ma kellux ikun is-suġġett ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, u lanqas joġġezzjonaw kontra l-awtorizzazzjoni tal-proġett li dan kellu jkun suġġett għal tali evalwazzjoni.

Fi Frar 2012, l-Unabhängiger Verwaltungssenat für Kärnten (il-Kamra Amministrattiva Indipendenti tal-Land ta' Kärnten, l-Awstrija) tat awtorizzazzjoni ta' kostruzzjoni u ta' operat ta' ċentru kummerċjali fi Klagenfurt am Wörthersee (l-Awstrija) fuq art li tmiss ma' proprjetà immobbli li kienet tappartjeni lil K. Gruber. Konformement ma' deċiżjoni tal-Gvern tal-Land ta' Kärnten tal-21 ta' Lulju 2010, din l-awtorizzazzjoni ma kinitx ippreċeduta minn evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent.

K. Gruber ippreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) minħabba, b'mod partikolari, li kien hemm lok li din l-awtorizzazzjoni tkun suġġetta għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent. Insostenn ta' dan ir-rikors, hija invokat l-illegalità tad-deċiżjoni tal-Gvern tal-Land ta' Kärnten, li permezz tagħha dan il-gvern qies li ma kienx hemm lok li ssir evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent fir-rigward tal-proġett inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) ippreċiżat li, skont il-leġiżlazzjoni Awstrijaka, il-ġirien bħal K. Gruber la kellhom il-possibbiltà li jippreżentaw direttament rikors kontra d-deċiżjoni li tikkonċerna n-neċessità li titwettaq evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent tal-proġett ta' kostruzzjoni u ta' operat inkwistjoni, u lanqas il-kwalità sabiex jikkontestaw din id-deċiżjoni fil-kuntest ta' eventwali rikors kontra d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-imsemmi proġett.

F’dawn iċ-ċirkustanzi, din il-qorti ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk tali leġiżlazzjoni nazzjonali kinitx konformi mad-Direttiva 2011/92.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, minn naħa, li, skont l-Artikolu 11(1) ta’ din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, konformement mal-kuntest ġuridiku tagħhom f’dan il-qasam, li l-membri tal-“pubbliku kkonċernat”, fis-sens tal-Artikolu 1(2), li jew ikollhom “interess [ġuridiku] suffiċjenti” jew li jsostnu “ksur ta’ dritt”, meta d-dritt amministrattiv proċedurali ta’ Stat Membru jimponi tali kundizzjoni, ikunu jistgħu jippreżentaw rikors kontra d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92 sabiex jikkontestaw il-legalità, dwar il-mertu jew il-proċedura, tagħhom.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, għalkemm l-Istati Membri għandhom margni ta’ evalwazzjoni wiesa’ sabiex jiddeterminaw x’jikkostitwixxi “interess [ġuridiku] suffiċjenti” jew “ksur ta’ dritt”, il-limiti tal-imsemmi margni ta’ evalwazzjoni jinsabu fl-osservanza tal-għan li jiġi żgurat aċċess wiesa’ għall-ġustizzja lill-pubbliku kkonċernat. F’dan ir-rigward, għalkemm huwa possibbli għal-leġiżlatur nazzjonali, b’mod partikolari, li jillimita d-drittijiet li l-ksur tagħhom ikun jista’ jiġi invokat minn individwu kontra wieħed jew waħda mill-atti, deċiżjonijiet jew ommissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92 għad-drittijiet suġġettivi pubbliċi biss, id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu dwar id-drittijiet ta’ azzjoni legali tal-membri tal-pubbliku kkonċernat mid-deċiżjonijiet, mill-atti jew mill-ommissjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-direttiva ma jistgħux jiġu interpretati b’mod restrittiv.

Minn dan isegwi li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ċaħħdet lil numru kbir ħafna ta’ individwi, inklużi b’mod partikolari l-ġirien li setgħu eventwalment jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmi Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2011/92, mid-dritt għal azzjoni legali kontra d-deċiżjonijiet li jikkonstataw il-ħtieġa li titwettaq evalwazzjoni tal-effetti ta’ proġett fuq l-ambjent, kienet inkompatibbli ma’ din id-direttiva.

## iii. Ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati minn assoċjazzjonijiet ta’ protezzjoni tal-ambjent

***Sentenza tal-15 ta’ Ottubru 2009, Djurgården-Lilla Värtans Miljöskyddsförening (C-263/08,*** **EU:C:2009:631)**

*“Direttiva 85/337/KEE – Parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali fil-qasam tal-ambjent – Dritt li jiġi ppreżentat rikors kontra d-deċiżjonijiet ta’ awtorizzazzjoni ta’ proġetti li jista’ jkollhom effetti notevoli fuq l-ambjent”*

Permezz tas-sentenza tagħha Djurgården-Lilla Värtans Miljöskyddsförening, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 [19] jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżerva d-dritt li jiġi ppreżentat rikors kontra deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-operazzjonijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva biss fil-konfront ta' assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent li għandhom minn tal-inqas 2 000 membru.

Fit-tilwima fil-kawża prinċipali, il-muniċipalità ta' Stokkolma (l-Isvezja) ikkonkludiet kuntratt dwar il-kostruzzjoni ta' mina ta' tul ta' madwar 1 km fil-blat sabiex iqiegħdu ġo fiha l-linji tal-elettriku billi jissostitwixxu l-linji ta' tensjoni għolja fuq il-wiċċ tal-art.

Abbażi tal-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent magħmula għal dan il-proġett, il-Prefettura tad-dipartiment ta' Stokkolma kkonkludiet li dan il-proġett seta' jkollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

Peress li l-awtorizzazzjoni għat-twettiq tax-xogħlijiet madankollu nħarġet mill-awtorità kompetenti, assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent appellat minn din id-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni. Madankollu, dan ir-rikors ġie ddikjarat inammissibbli, minħabba li l-assoċjazzjoni rikorrenti ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni, imposta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jkollha minn tal-inqas 2 000 membru.

Adita b'appell minn din id-deċiżjoni ta' inammissibbiltà, il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema, l-Isvezja) ddeċidiet li tagħmel diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, fosthom dik dwar jekk id-Direttiva 85/337 tippermettix lill-Istati Membri jipprevedu li assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent ta' daqs żgħir ma jkollhomx id-dritt li jippreżentaw rikors kontra deċiżjoni dwar operazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li mid-Direttiva 85/337 isegwi li din tagħmel distinzjoni bejn, minn naħa, il-pubbliku kkonċernat minn waħda mill-operazzjonijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha b'mod ġenerali u, min-naħa l-oħra, fi ħdan dan il-pubbliku kkonċernat, subkategorija ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li, fid-dawl tal-pożizzjoni partikolari tagħhom fil-konfront tal-operazzjoni inkwistjoni għandhom, skont l-Artikolu 10a tal-imsemmija direttiva, jingħataw id-dritt li jikkontestaw id-deċiżjoni li tawtorizzaha.

Għalkemm huwa minnu li dan l-aħħar artikolu jħalli lil-leġiżlaturi nazzjonali l-kompitu li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex organizzazzjoni mhux governattiva li taħdem favur l-ambjent bħala assoċjazzjoni tkun tista' tibbenefika mid-dritt għal azzjoni legali, ir-regoli nazzjonali hekk stabbiliti għandhom, minn naħa, jiżguraw "aċċess wiesa' għall-ġustizzja" u, min-naħa l-oħra, jagħtu effett utli lid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/337 dwar id-dritt għal azzjonijiet ġudizzjarji. Konsegwentement, dawn ir-regoli nazzjonali ma għandhomx jagħtu lok għar-riskju li

[19] Kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

jneħħu kull portata mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jgħidu li dawk li jkollhom interess suffiċjenti sabiex jikkontestaw proġett u dawk li lilhom dan il-proġett jikkawża preġudizzju, fosthom l-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent, għandhom ikollhom *locus standi* quddiem il-qrati kompetenti.

Wara li rrilevat li l-Gvern Svediż kien irrikonoxxa li żewġ assoċjazzjonijiet ambjentali biss kellhom mill-inqas 2 000 membru, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet għalhekk li l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 jipprekludi dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni Svediża li kienet tirriżerva d-dritt li jiġi ppreżentat rikors kontra deċiżjoni dwar operazzjoni li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva biss lill-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent li jkollhom mill-inqas 2 000 membru.

***Sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Bund für Umwelt und Naturschutz Deutschland, Landesverband Nordrhein-Westfalen (C-115/09, EU:C:2011:289)***

*"Direttiva 85/337/KEE – Evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent – Konvenzjoni ta' Aarhus – Direttiva 2003/35/KE – Aċċess għall-ġustizzja – Organizzazzjonijiet mhux governattivi għall-protezzjoni tal-ambjent"*

Mistoqsija permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat iktar il-parametri tad-dritt għal azzjoni legali tal-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent skont id-Direttiva 85/337 [20].

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet toriġina minn proġett għall-kostruzzjoni u l-operat ta' impjant tal-enerġija elettrika li jaħraq il-faħam f'Lünen (il-Ġermanja), li kien is-suġġett ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent. Fil-kuntest ta' din il-proċedura, l-awtorità kompetenti ħarġet opinjoni preliminari u awtorizzazzjoni parzjali, li kkonstatat li l-proġett ma kien jeħtieġ ebda riżerva ta' natura legali.

F'Ġunju 2008, NGO ambjentali msejħa Bund für Umwelt und Naturschutz Deutschland, Landesverband Nordrhein-Westfalen eV (iktar 'il quddiem "BUND") adixxiet lill-Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen (il-Qorti Amministrattiva Superjuri tal-Land ta' Nordrhein-Westfalia, il-Ġermanja) b'rikors intiż għall-annullament tal-avviż preliminari u tal-awtorizzazzjoni parzjali tal-proġett inkwistjoni. Hija invokat, b'mod partikolari, il-ksur tad-dispożizzjonijiet li kienu jittrasponu d-Direttiva 92/43.

Skont dik il-qorti, BUND ma kinitx intitolata tippreżenta dan ir-rikors għal annullament, peress li ma kinitx qiegħda ssostni preġudizzju għal dritt individwali sostantiv, bħalma kien jeżiġi d-dritt Ġermaniż sabiex wieħed ikollu *locus standi*. Madankollu, l-imsemmija qorti staqsiet jekk ir-rekwiżit Ġermaniż li NGO ambjentali trid issostni tali preġudizzju għal dritt kienx fih innifsu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, mal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337.

[20] Kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

B’risposta għal dawn id-domandi, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 jipprevedi li d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ta’ din id-direttiva dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku għandhom ikunu jistgħu jkunu s-suġġett ta’ azzjoni ġudizzjarja sabiex tiġi kkontestata “l-legalità sostanzjali jew proċedurali” tagħhom, mingħajr ma jillimita bl-ebda mod il-motivi li jistgħu jiġu invokati insostenn ta’ tali rikors.

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta’ ammissibbiltà tar-rikorsi, din id-dispożizzjoni tinkludi żewġ sitwazzjonijiet: l-ammissibbiltà ta’ rikors tista’ tkun suġġetta għal “interess [ġuridiku] biżżejjed” jew li r-rikorrent jinvoka “indebboliment ta’ dritt” skont jekk il-liġi nazzjonali tirrikjedix waħda jew l-oħra minn dawn il-kundizzjonijiet. L-ewwel sentenza tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 tippreċiża li l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw dak li jikkostitwixxi preġudizzju għal dritt, b’konformità mal-għan intiż li jingħata “aċċess [wiesa’] għall-ġustizzja” lill-pubbliku kkonċernat.

Fir-rigward tar-rikorsi ppreżentati mill-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent, it-tieni u t-tielet sentenza tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 iżidu li, għal dan l-għan, dawn għandhom jitqiesu li jkollhom jew interess suffiċjenti, jew drittijiet li jistgħu jiġu ppreġudikati, skont jekk il-liġi nazzjonali tirrikjedix waħda jew l-oħra minn dawn il-kundizzjonijiet ta’ ammissibbiltà.

Fir-rigward ta’ dan il-kuntest legali, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, għalkemm il-leġiżlatur nazzjonali seta’ jillimita d-drittijiet li l-ksur tagħhom jista’ jiġi invokat minn individwu fil-kuntest ta’ azzjoni ġudizzjarja kontra waħda mid-deċiżjonijiet jew ommissjonijiet, jew kontra wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337, għad-drittijiet suġġettivi pubbliċi biss, jekk tali limitazzjoni tiġi applikata bħala tali għall-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent, jiġu interpretati b’mod żbaljat l-għanijiet tal-aħħar sentenza tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337.

Fil-fatt, jekk, bħalma jsegwi minn din id-dispożizzjoni, dawn l-assoċjazzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jinvokaw l-istess drittijiet bħall-individwi, ikun kuntrarju għall-għan li jiġi żgurat aċċess wiesa’ għall-ġustizzja lill-pubbliku kkonċernat, minn naħa, kif ukoll għall-prinċipju ta’ effettività, min-naħa l-oħra, li l-imsemmija assoċjazzjonijiet ma jkunux jistgħu jinvokaw ukoll il-ksur ta’ regoli tad-dritt tal-Unjoni tal-ambjent unikament minħabba li dawn tal-aħħar jipproteġu interessi kollettivi. Fil-fatt, bħalma kienet turi t-tilwima fil-kawża prinċipali, dan ikun qiegħed jimpedihom ampjament mill-possibbiltà li tiġi mistħarrġa l-osservanza tar-regoli li jirriżultaw minn dan id-dritt, li ħafna drabi, ikunu ffokati fuq l-interess ġenerali u mhux fuq il-protezzjoni biss tal-interessi ta’ individwi meħuda individwalment.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 jipprekludi leġiżlazzjoni li ma tirrikonoxxix lil organizzazzjoni mhux governattiva li taħdem favur il-protezzjoni tal-ambjent, prevista fl-Artikolu 1(2) ta’ din id-direttiva, il-possibbiltà li tinvoka f’qorti, fil-kuntest ta’ rikors kontra deċiżjoni ta’ awtorizzazzjoni ta’ proġetti li “aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent” fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-

Direttiva 85/337, il-ksur ta’ regola li tirriżulta mid-dritt tal-Unjoni u li jkollha bħala għan il-protezzjoni tal-ambjent, minħabba li din ir-regola tipproteġi biss l-interessi tal-kollettività u mhux dawk tal-individwi.

## iv. Rekwiżit ta’ spiża mhux projbittiva

### a. Portata

***Sentenza tal-15 ta’ Marzu 2018, North East Pylon Pressure Campaign u Sheehy (C-470/16, EU:C:2018:185)***

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti proġetti fuq l-ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Dritt għal azzjoni legali tal-membri tal-pubbliku kkonċernat – Rikors prematur – Kunċetti ta’ spiża mhux projbittiva u ta’ deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-direttiva relatati mal-parteċipazzjoni tal-pubbliku – Applikabbiltà tal-Konvenzjoni ta’ Aarhus”*

Adita b’talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rekwiżit ta’ “spiża mhux projbittiva” tal-proċeduri ġudizzjarji fil-qasam tal-ambjent, kif stabbilit fid-Direttiva 2011/92 u fil-Konvenzjoni ta’ Aarhus [21].

Fl-2015, EirGrid plc, operatur pubbliku Irlandiż tat-trażmissjoni tal-elettriku, talbet l-awtorizzazzjoni sabiex tinstalla madwar 300 arblu għal kejbils b’vultaġġ għoli biex jingħaqdu n-netwerks tal-Irlanda u tal-Irlanda ta’ Fuq u biex jiżguraw l-affidabbiltà tal-provvista tal-elettriku fil-gżira. Wara l-applikazzjoni formali għall-awtorizzazzjoni għal żvilupp u l-preżentazzjoni ta’ evalwazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent, l-An Bord Pleanála, korp Irlandiż tal-appelli dwar l-ippjanar, sejjaħ seduta għas-7 ta’ Marzu 2016.

Fl-4 ta’ Marzu 2016, proprjetarju tal-art u grupp ta’ pressjoni talbu li jiġu awtorizzati jippreżentaw rikors sabiex jikkontestaw il-proċedura ta’ awtorizzazzjoni għall-iżvilupp. Madankollu, il-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) irrifjutat li tagħti l-awtorizzazzjoni mitluba minħabba li r-rikors kien prematur.

Fil-kuntest tal-proċedura ta’ intaxxar tal-ispejjeż, il-partijiet ma qablux fuq l-oneru tal-ispejjeż marbuta mal-proċedura ta’ awtorizzazzjoni li jiġi ppreżentat rikors, li l-ammont tiegħu kien jaqbeż EUR 500 000. F'dan il-kuntest, il-High Court (il-Qorti Għolja) ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà tad-dritt Irlandiż mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92 u mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta’ Aarhus li jistabbilixxu r-rekwiżit li ċerti proċeduri ġudizzjarji ma għandhomx ikunu ta’ spiża projbittiva.

---

[21] Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta’ deċiżjonijiet u l-aċċess għall- ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f’Aarhus fil-25 ta’ Ġunju 1998 u approvata f’isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta’ Frar 2005 (ĠU 2006, L 164M, p. 17, iktar ’il quddiem il-“Konvenzjoni ta’ Aarhus”).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-rekwiżit ta' spiża mhux projbittiva stabbilit mill-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2011/92 jikkonċerna l-ispejjeż finanzjarji kollha li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fil-proċedura ġudizzjarja. Minn dan isegwi li dan ir-rekwiżit għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika għal proċedura quddiem qorti ta' Stat Membru, bħal dik fil-kawża prinċipali, li fil-kuntest tagħha jiġi ddeterminat jekk rikors ikunx jista' jiġi awtorizzat matul proċedura ta' awtorizzazzjoni għal żvilupp, u dan iktar u iktar meta dan l-Istat Membru ma jkunx iddetermina f'liema stadju rikors ikun jista' jiġi ppreżentat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, barra minn hekk, li meta rikorrent jinvoka kemm motivi bbażati fuq in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali fi kwistjonijiet ambjentali kif ukoll motivi bbażati fuq in-nuqqas ta' osservanza ta' regoli oħra, ir-rekwiżit ta' spiża mhux projbittiva japplika biss għall-ispejjeż relatati mal-parti tar-rikors ibbażata fuq in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku. F'tali każ, hija l-qorti nazzjonali li għandha, *ex æquo et bono* u skont il-modalitajiet proċedurali nazzjonali applikabbli, tagħmel distinzjoni bejn dawk l-ispejjeż relatati ma' kull wieħed miż-żewġ tipi ta' argumenti, sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżit ta' spiża mhux projbittiva jiġi applikat għall-parti tar-rikors ibbażata fuq ir-regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 9(3) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għandu jiġi interpretat fis-sens li l-istess rekwiżit japplika għall-parti ta' rikors li ma hijiex koperta mid-Direttiva 2011/92, sa fejn ir-rikorrent ifittex li jiżgura l-osservanza tad-dritt nazzjonali tal-ambjent. Jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkollhomx effett dirett, hija l-qorti nazzjonali li jkollha tagħti interpretazzjoni tad-dritt proċedurali nazzjonali li, sa fejn ikun possibbli, tkun konformi magħhom.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li Stat Membru ma jistax jidderoga mir-rekwiżit ta' spiża mhux projbittiva, stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Aarhus u mid-Direttiva 2011/92, meta rikors jitqies frivolu jew vessatorju, jew fl-assenza ta' rabta bejn il-ksur allegat tad-dritt nazzjonali dwar l-ambjent u dannu ambjentali. Madankollu huwa possibbli għall-qorti nazzjonali li tieħu inkunsiderazzjoni fatturi bħal, b'mod partikolari, il-prospetti raġonevoli tas-suċċess tar-rikors jew in-natura frivola jew vessatorja tiegħu, sakemm l-ammont tal-ispejjeż imposti fuq min jagħmel it-talba ma jkunux għoljin wisq.

### b. Kriterji ta' evalwazzjoni

***Sentenza tal-11 ta' April 2013, Edwards u Pallikaropoulos (C-260/11, EU:C:2013:221)***

*"Ambjent – Konvenzjoni ta' Aarhus – Direttiva 85/337/KEE – Direttiva 2003/35/KE – Artikolu 10a – Direttiva 96/61/KE – Artikolu 15a – Aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali – Kunċett ta' 'spiża mhux projbittiva' tal-proċeduri ġudizzjarji"*

B'risposta għal rinviju għal deċiżjoni preliminari mressaq mis-Supreme Court of the United Kingdom (il-Qorti Suprema tar-Renju Unit), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kriterji ta' evalwazzjoni tar-rekwiżit ta' "spiża mhux projbittiva" tal-proċeduri ġudizzjarji fil-qasam tal-ambjent, kif previst fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 [22] kif ukoll fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 15a tad-Direttiva 96/61 [23].

Wara li ċaħdet appell ippreżentat fil-kuntest ta' proċedura fil-qasam tal-ambjent, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja kif kellha tapplika r-rekwiżit iċċitat iktar 'il fuq ta' "spiża mhux projbittiva" f'dan il-każ, fid-dawl tar-riskji kunsiderevoli fil-qasam tal-ispejjeż li l-appellanti kienet esponiet ruħha għalihom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-rekwiżit li l-proċedura ġudizzjarja ma għandhiex tinvolvi spiża projbittiva, previst fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 u fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 15a tad-Direttiva 96/61, jimplika li l-persuni li jaqgħu taħtu ma jkunux preklużi milli jressqu jew ikomplu b'azzjoni ġudizzjarja li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-artikoli minħabba l-oneru finanzjarju li jista' jirriżulta minnha. Meta qorti nazzjonali tintalab tippronunzja ruħha fuq il-kundanna għall-ispejjeż ta' parti li tkun tilfet il-kawża, bħala rikorrenti jew appellanti, f'tilwima fil-qasam tal-ambjent jew, b'mod iktar ġenerali, meta hija tkun meħtieġa, bħalma jistgħu jkunu meħtieġa l-qrati tar-Renju Unit, tieħu pożizzjoni, fi stadju bikri tal-proċedura, fuq limitazzjoni eventwali tal-ispejjeż li jkunu jistgħu jiġu attribwiti lill-parti li titlef il-kawża, hija għandha tiżgura ruħha mill-osservanza ta' dan ir-rekwiżit billi tieħu inkunsiderazzjoni kemm l-interess tal-persuna li tixtieq tiddefendi d-drittijiet tagħha kif ukoll l-interess ġenerali marbut mal-protezzjoni tal-ambjent.

Fl-ambitu ta' din l-evalwazzjoni, il-qorti nazzjonali ma tistax tibbaża ruħha biss fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-parti kkonċernata, iżda għandha wkoll tagħmel analiżi oġġettiva tal-ammont tal-ispejjeż. Għaldaqstant, l-ispiża ta' proċedura la għandha taqbeż il-kapaċitajiet finanzjarji tal-persuna kkonċernata u lanqas, fi kwalunkwe każ, ma għandha tidher li tkun oġġettivament mhux raġonevoli. Barra minn hekk, hija tista' tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-partijiet inkwistjoni, il-possibbiltajiet raġonevoli ta' suċċess tal-parti li tagħmel it-talba, l-importanza tal-interessi involuti ta' din il-parti u tal-protezzjoni tal-ambjent, il-kumplessità tad-dritt u tal-proċedura applikabbli, in-natura possibbilment frivola tal-azzjoni fid-diversi stadji tagħha u kif ukoll l-eżistenza ta' sistema nazzjonali ta' għajnuna legali jew ta' sistema ta' protezzjoni fil-qasam tal-ispejjeż.

Min-naħa l-oħra, iċ-ċirkustanza li l-persuna kkonċernata ma tiġix skoraġġata milli teżerċita, fil-fatt, l-azzjoni tagħha, ma hijiex suffiċjenti fiha nnifisha sabiex jitqies li l-proċedura ma jkollhiex, għaliha, spiża projbittiva fis-sens tad-Direttivi 85/337 u 96/61.

---

[22] Kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

[23] Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE tal-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 80), kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

Fl-aħħar nett, ir-rekwiżit dwar l-assenza ta' spiża projbittiva tal-proċedura ġudizzjarja ma jistax jiġi evalwat b'mod differenti minn qorti nazzjonali skont jekk din tkunx qiegħda tagħti deċiżjoni fi tmiem ta' proċedura fl-ewwel istanza, fi tmiem ta' appell jew fi tmiem ta' appell ulterjuri.

## 6. Effett dirett u interpretazzjoni konformi

### a) Effett dirett vertikali tad-direttivi u l-effetti negattivi fuq id-drittijiet ta' partijiet terzi

***Sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Wells (C-201/02,** EU:C:2004:12)*

*"Direttiva 85/337/KEE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent – Miżura nazzjonali li tagħti awtorizzazzjoni għall-operat tal-minjieri mingħajr ma twettaq evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent – Effett dirett tad-direttivi – Sitwazzjoni trijangolari"*

F'din il-kawża, li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost iktar 'il fuq [24], il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistiedna wkoll tagħti deċiżjoni dwar jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, individwu bħal D. Wells setax, jekk ikun il-każ, jinvoka l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 85/337, moqri flimkien mal-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 4(2) tagħha, kontra l-awtoritajiet tar-Renju Unit.

Konformement mal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 85/337, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex, qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni, il-proġetti li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, b'mod partikolari minħabba n-natura, id-daqs jew il-post tagħhom, ikunu suġġetti għal proċedura ta' talba għal awtorizzazzjoni u għal evalwazzjoni fir-rigward tal-effetti tagħhom. Dawn il-proġetti huma ddefiniti fl-Artikolu 4 ta' din id-direttiva.

F'dan il-kuntest, il-Gvern tar-Renju Unit sostna li, jekk lil individwu bħal D. Wells jiġi rrikonoxxut id-dritt li jinvoka l-imsemmija dispożizzjoni kontra l-awtoritajiet f'kawża bħal dik fil-kawża prinċipali, dan ikun jikkostitwixxi sitwazzjoni ta' "inverse direct effect", li fiha r-Renju Unit ikun direttament obbligat li jċaħħad lill-proprjetarji privati tal-barriera ta' Conygar Quarry mid-drittijiet tagħhom.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-prinċipju ta' ċertezza legali jipprekludi li d-direttivi jkunu jistgħu joħolqu obbligi għall-individwi. Fil-konfront ta' dawn tal-aħħar, id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jistgħu joħolqu biss drittijiet. Konsegwentement, individwu ma jistax jinvoka direttiva kontra Stat Membru meta jkun hemm involut obbligu tal-Istat

[24] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima I.4.a) "Mument li fih għandha ssir l-evalwazzjoni tal-effetti".

li jkun marbut direttament mal-eżekuzzjoni ta’ obbligu ieħor impost, skont din id-direttiva, fuq terz.

Min-naħa l-oħra, sempliċi riperkussjonijiet negattivi fuq id-drittijiet ta’ terzi, anki jekk ikunu ċerti, ma jiġġustifikawx li tiġi rrifjutata lil individwu l-opportunità li jinvoka d-dispożizzjonijiet ta’ direttiva kontra l-Istat Membru kkonċernat.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, f’dak li jikkonċerna t-tilwima fil-kawża prinċipali, l-obbligu għar-Renju Unit li jiżgura li titwettaq evalwazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-effetti fuq l-ambjent tal-operat tal-barriera ta’ Conygar Quarry ma kienx direttament marbut mal-eżekuzzjoni ta’ xi obbligu li, skont id-Direttiva 85/337, kien jaqa’ fuq il-proprjetarji ta’ din il-barriera. Il-fatt li l-operat tal-mina kellu jitwaqqaf sakemm jinkisbu r-riżultati tal-evalwazzjoni kien, ċertament, il-konsegwenza tal-fatt li l-imsemmi Stat issodisfa l-obbligi tard. Tali konsegwenza ma setgħetx madankollu tiġi kklassifikata bħala “inverse direct effect” tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva fil-konfront tal-imsemmija proprjetarji.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li individwu bħal D. Wells seta’ jinvoka, jekk ikun il-każ, kontra l-awtoritajiet tar-Renju Unit, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 85/337, moqri flimkien mal-Artikolu 1(2) u mal-Artikolu 4(2) tagħha.

## b) Interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali

***Sentenza tas-17 ta’ Ottubru 2018, Klohn (C-167/17,*** EU:C:2018:833)

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti proġetti fuq l-ambjent – Dritt ta’ azzjoni legali kontra deċiżjoni ta’ awtorizzazzjoni – Rekwiżit ta’ proċedura ta’ spiża li ma tiswiex tant li tkun projbittiva – Kunċett – Applikazzjoni ratione temporis – Effett dirett – Effett fuq deċiżjoni nazzjonali ta’ tassazzjoni ta’ spiża li saret definittiva”*

Fuq rinviju għal deċiżjoni preliminari ppreżentat mis-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, għalkemm ir-regola ta’ “spiża mhux projbittiva” tal-proċeduri ġudizzjarji fil-qasam tal-ambjent, kif stabbilita fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 [25], ma għandhiex effett dirett, il-qrati nazzjonali għandhom madankollu jiżguraw, sa fejn ikun possibbli, interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali ma’ din id-dispożizzjoni.

Matul l-2004, l-An Bord Pléanala (l-Aġenzija tal-Ippjanar tat-Territorju, l-Irlanda) (iktar ’il quddiem l-“Aġenzija”) tat permess għall-kostruzzjoni, f’Achonry, fil-County Sligo (il-Kontea ta’ Sligo, l-Irlanda), ta’ faċilità għall-ispezzjoni tal-annimali misjuba mejta fit-territorju Irlandiż kollu.

[25] Kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

V. Klohn, proprjetarju ta' razzett li kien jinsab viċin is-sit tal-imsemmija faċilità, ippreżenta rikors ġudizzjarju kontra dan il-permess ta' kostruzzjoni, li ġie miċħud permezz ta' sentenza tat-23 ta' April 2008 tal-High Court (il-Qorti Għolja). Fis-6 ta' Mejju ta' wara, dik il-qorti kkundannat lil V. Klohn għall-ispejjeż sostnuti mill-Aġenzija.

Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2010, it-*Taxing Master* tal-High Court (il-Qorti Għolja) ikkwantifika l-ispejjeż li kellhom jiġu rrimborsati lill-Aġenzija minn V. Klohn f'madwar EUR 86 000. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata permezz ta' deċiżjoni tal-High Court (il-Qorti Għolja), li V. Klohn appella quddiem is-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda).

Fid-dawl tal-ammont tal-ispejjeż inkwistjoni, is-Supreme Court (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari dwar jekk

- ir-regola ta' "spiża mhux projbittiva", kif stabbilita fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337, tipproduċix effett dirett jew jekk jeżistix obbligu ta' interpretazzjoni konformi f'dan ir-rigward, u
- jekk it-Taxing Master jew il-qorti nazzjonali adita b'rikors kontra d-deċiżjoni tagħha kellhomx japplikaw l-imsemmija regola ta' spiża mhux projbittiva minkejja li d-deċiżjoni ta' kundanna għall-ispejjeż tkun saret definittiva.

Wara li rrilevat li l-kwistjoni tal-effett dirett tar-regola ta' spiża mhux projbittiva qamet fit-tilwima fil-kawża prinċipali minħabba t-traspożizzjoni tard, mill-Irlanda, tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendata, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din id-dispożizzjoni ma għandhiex effett dirett. Konformement mal-obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali, il-qrati Irlandiżi huma madankollu obbligati, kemm jista' jkun, li jinterpretaw id-dritt nazzjonali, mill-iskadenza tat-terminu previst għat-traspożizzjoni tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337, b'tali mod li l-individwi ma jkunux preklużi milli jintroduċu jew jissoktaw b'azzjoni ġudizzjarja li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istess artikolu minħabba l-oneru finanzjarju li jista' jirriżulta minnha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, barra minn hekk, li l-qrati Irlandiżi huma obbligati, mill-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337, li jinterpretaw id-dritt nazzjonali b'mod li jirrendi l-effetti futuri tas-sitwazzjonijiet li nħolqu taħt il-liġi l-qadima immedjatament kompatibbli ma' din id-dispożizzjoni. Minn dan jirriżulta li l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali mar-regola ta' spiża projbittiva li tinsab f'din id-dispożizzjoni huwa impost fuq l-imsemmija qrati meta jagħtu deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż fil-proċeduri ġudizzjarji li kienu pendenti fid-data ta' skadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni, mingħajr kunsiderazzjoni tad-data li fiha dawn l-ispejjeż ikunu ġew sostnuti matul il-proċedura kkonċernata.

Filwaqt li fakkret li l-proċedura Irlandiża fil-qasam tal-ispejjeż tiżvolġi f'żewġ stadji, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, barra minn hekk, li l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali għandu ċerti limiti, fosthom dawk li joħorġu mill-prinċipju ta' awtorità tar-

*res judicata*. F’dan il-każ, hija għalhekk il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa l-awtorità tar-*res judicata* marbuta mad-deċiżjoni tas-6 ta’ Mejju 2008 li permezz tagħha l-High Court (il-Qorti Għolja) ikkundannat lil V. Klohn għall-ispejjeż tal-proċedura mingħajr ma stabbilixxiet l-ammont preċiż ta’ dawn l-ispejjeż, sabiex jiġi ddeterminat jekk u sa fejn interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali konformi mar-regola ta’ spiża mhux projbittiva kinitx possibbli fit-tilwima fil-kawża prinċipali.

# II. Evalwazzjoni tal-effetti ta' pjanijiet u ta' programmi taħt id-Direttiva 2001/42

## 1. Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/42

### a) Pjanijiet u programmi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2001/42

***Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020 (Awla Manja), A et (Eoliċi f'Aalter u f'Nevele) (C-24/19, EU:C:2020:503)*** [26]

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/42/KE – Stima tal-effetti fuq l-ambjent – Permess ta' żvilupp urban għall-installazzjoni u għall-użu ta' eoliċi – Artikolu 2(a) – Kunċett ta' 'pjanijiet u programmi' – Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permess stabbiliti b'digriet u ċirkulari – Artikolu 3(2)(a) – Atti nazzjonali li jiddefinixxu qafas li fih l-implimentazzjoni ta' proġetti tista' tiġi awtorizzata fil-futur – Assenza ta' evalwazzjoni ambjentali – Żamma tal-effetti tal-atti nazzjonali u tal-permessi maħruġa abbażi tagħhom wara li jkun ġie kkonstatat in-nuqqas ta' konformità ta' dawn l-atti mad-dritt tal-Unjoni – Kundizzjonijiet"*

Permezz tas-sentenza A *et* (Eoliċi f'Aalter u f'Nevele), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2001/42, billi għamlet preċiżazzjonijiet importanti dwar il-miżuri suġġetti għall-evalwazzjoni stabbilita minn din id-direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita b'din it-talba għal interpretazzjoni fil-kuntest ta' kawża bejn residenti ta' sit qrib l-awtostrada E40 fit-territorju tal-komuni ta' Aalter (il-Belġju) u ta' Nevele (il-Belġju), previst għat-twettiq ta' park eoliku, u l-Gewestelijke stedenbouwkundige ambtenaar van het Departement Ruimte Vlaanderen, afdeling Oost-Vlaanderen (l-uffiċjal reġjonali inkarigat bi kwistjonijiet urbanistiċi tad-Dipartiment tat-territorju tal-Vlaanderen, is-Sezzjoni tal-Vlaanderen tal-Lvant, il-Belġju), dwar il-ħruġ minn din l-awtorità ta' permess ta' żvilupp urban għall-finijiet tal-installazzjoni u tal-użu ta' ħames eoliċi (iktar 'il quddiem il-"permess kontenzjuż"). Il-ħruġ, fit-30 ta' Novembru 2016, tal-permess kontenzjuż kien ġie suġġett, b'mod partikolari, għall-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet stabbiliti minn dispożizzjonijiet ta' digriet tal-Gvern tal-Vlaanderen kif ukoll minn ċirkulari dwar l-installazzjoni u l-użu ta' eoliċi.

Insostenn tar-rikors intiż għall-annullament tal-permess kontenzjuż ippreżentat quddiem ir-Raad voor Vergunningsbetwistingen (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Permessi, il-Belġju), ir-rikorrenti invokaw b'mod partikolari ksur tad-Direttiva 2001/42, minħabba li d-digriet u ċ-ċirkulari li abbażi tagħhom kien inħareġ il-permess ma kinux suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali. L-awtur tal-permess kontenzjuż qies, għall-

[26] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II. 2. a) i. "Pjanijiet u programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42" u fit-Taqsima III. 2. "Atti nazzjonali adottati bi ksur tad-Direttiva 2001/42".

kuntrarju, li d-digriet u ċ-ċirkulari inkwistjoni ma kellhomx ikunu suġġetti għal tali evalwazzjoni.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, konformement mal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/42, hija tkopri l-pjanijiet u l-programmi, kif ukoll l-emendi tagħhom, li jitfasslu jew jiġu adottati minn awtorità ta' Stat Membru, sakemm dawn ikunu "meħtieġa permezz ta' disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi".

F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja kien isegwi li għandhom jitqiesu bħala "meħtieġa", fis-sens u għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva, il-pjanijiet u l-programmi li l-adozzjoni tagħhom tkun irregolata minn liġijiet jew regolamenti nazzjonali, li jiddeterminaw l-awtoritajiet kompetenti sabiex jadottawhom u l-proċedura ta' żvilupp tagħhom. Għalhekk, miżura għandha titqies li hija "meħtieġa" meta s-setgħa li tiġi adottata ssib il-bażi legali tagħha f'dispożizzjoni ta' din in-natura, anki jekk ma jkun jeżisti, fil-veru sens tal-kelma, ebda obbligu li tiġi adottata l-imsemmija miżura.

Mistiedna mill-qorti tar-rinviju u mill-Gvern tar-Renju Unit sabiex tikkunsidra mill-ġdid din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, qabelxejn, li limitazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/42 biss għall-"pjanijiet u programmi" li l-adozzjoni tagħhom tkun obbligatorja tista' tagħti lil dan il-kunċett portata marġinali u ma tkunx tippermetti li jinżamm l-effett utli ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tad-diversità tas-sitwazzjonijiet u tal-eteroġeneità tal-prattiki tal-awtoritajiet nazzjonali, l-adozzjoni ta' pjanijiet jew ta' programmi u l-emendi tagħhom spiss la jiġu imposti b'mod ġenerali, u lanqas jitħallew kompletament fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, il-livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent li hija intiża li tiżgura d-Direttiva 2001/42 billi tissuġġetta l-pjanijiet u l-programmi li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent għal evalwazzjoni ambjentali, jissodisfa r-rekwiżiti tat-Trattati kif ukoll tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-protezzjoni u tat-titjib tal-kwalità tal-ambjent [27]. Issa, tali għanijiet jistgħu jiġu kompromessi minn interpretazzjoni restrittiva, li tista' tippermetti lil Stat Membru jevita l-obbligu ta' evalwazzjoni ambjentali billi jevita li jirrendi obbligatorja l-adozzjoni ta' pjanijiet jew ta' programmi. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-interpretazzjoni estiża tal-kunċett ta' "pjanijiet u programmi" hija konformi mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni [28].

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-punt dwar jekk id-digriet u ċ-ċirkulari inkwistjoni kinux jissodisfaw il-kundizzjoni msemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/42. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li d-digriet ġie adottat mill-Gvern tal-Vlaanderen, bħala setgħa eżekuttiva ta' entità federali Belġjana, bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni leġiżlattiva. Barra minn hekk, iċ-ċirkulari, li kienet intiża li tirregola s-

[27] Artikolu 3(3) TUE, Artikolu 191(2) TFUE u Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

[28] Kif jirriżultaw b'mod partikolari mill-Artikolu 2(7) tal-Konvenzjoni dwar l-evalwazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent f'kuntest transkonfinali, iffirmata f'Espoo (il-Finlandja) fis-26 ta' Frar 1991.

setgħa ta' evalwazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, kienet toriġina ukoll mill-Gvern tal-Vlaanderen u kienet temenda, billi tiżviluppa jew tidderoga minnhom, id-dispożizzjonijiet ta' dan id-digriet, bla ħsara għall-verifiki li kellha twettaq il-qorti nazzjonali fir-rigward tan-natura ġuridika eżatta tagħha u tal-kontenut preċiż tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant ikkonkludiet li d-digriet u, bla ħsara għal dawn il-verifiki, iċ-ċirkulari kienu jaqgħu taħt il-kunċett ta' "pjanijiet u programmi", sa fejn kellhom jitqiesu "meħtieġa" fis-sens tad-Direttiva 2001/42.

***Sentenza tat-22 ta' Frar 2022 (Awla Manja), Bund Naturschutz in Bayern (C-300/20, EU:C:2022:102)*** [29]

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Artikolu 2(a) – Kunċett ta' 'pjanijiet u programmi' – Artikolu 3(2)(a) – Atti elaborati għal ċerti setturi u li jiddefinixxu l-kuntest li fih l-implimentazzjoni ta' proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92/UE tista' tiġi awtorizzata fil-futur – Artikolu 3(4) – Atti li jiddefinixxu kuntest li fih l-implimentazzjoni tal-proġetti tista' tiġi awtorizzata fil-futur – Regolament ta' protezzjoni tal-pajsaġġ adottat minn awtorità lokali"*

Fis-sentenza tagħha Bund Naturschutz in Bayern, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kunċett ta' pjanijiet u programmi li għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42.

Fl-2013, il-Landkreis Rosenheim (id-Distrett Amministrattiv ta' Rosenheim, il-Ġermanja) adotta regolament dwar żona ta' protezzjoni tal-pajsaġġ (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Inntal Süd"), mingħajr ma wettaq minn qabel evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42. Ir-Regolament Inntal Süd qiegħed taħt protezzjoni żona ta' 4 021 ettaru, jiġifieri madwar 650 ettaru inqas miż-żona protetta taħt ir-regolamenti preċedenti.

Bund Naturschutz in Bayern eV, assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent, ikkontestat dan ir-regolament quddiem il-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Superjuri tal-Land ta' Bayern, il-Ġermanja). Peress li t-talba tagħha ġiet miċħuda bħala inammissibbli, l-assoċjazzjoni ppreżentat appell għal reviżjoni kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja).

Din il-qorti tal-aħħar qieset li r-Regolament Inntal Süd kien jikkostitwixxi pjan jew programm fis-sens ta-Direttiva 2001/42. Madankollu, peress li kellha dubji dwar l-obbligu tad-distrett ta' Rosenheim li jwettaq, skont din id-direttiva, evalwazzjoni ambjentali qabel l-adozzjoni tal-imsemmi regolament, hija ddeċidiet li tagħmel din id-domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[29] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II. 2. a) i. "Pjanijiet u programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42" u fit-Taqsima II. 2. b) ii. "Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2001/42".

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-Direttiva 2001/42 tkopri l-pjanijiet u l-programmi li huma, minn naħa, imfassla jew adottati minn awtorità fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali u, min-naħa l-oħra, meħtieġa minn liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi.

Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, minn ġurisprudenza stabbilita jsegwi li għandhom jitqiesu bħala "meħtieġa", fis-sens u għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva, il-pjanijiet u l-programmi li l-adozzjoni tagħhom tiġi rregolata minn liġijiet jew regolamenti nazzjonali, li jiddeterminaw l-awtoritajiet kompetenti sabiex jadottawhom kif ukoll il-proċedura għall-preparazzjoni tagħhom. Għalhekk, miżura għandha titqies li hija "meħtieġa" meta fid-dritt nazzjonali tkun teżisti bażi legali partikolari li tawtorizza lill-awtoritajiet kompetenti jadottawha, anki jekk din l-adozzjoni ma tkunx obbligatorja.

Għaldaqstant, peress li r-Regolament Inntal Süd ġie adottat minn awtorità lokali abbażi ta' dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża, huwa kien jikkostitwixxi pjan jew programm fis-sens tad-Direttiva 2001/42. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li n-natura ġenerali tal-imsemmi regolament, li kien jinkludi dispożizzjonijiet ġenerali u astratti li jistabbilixxu rekwiżiti ġenerali, ma kienx jipprekludi tali klassifikazzjoni. Fil-fatt, iċ-ċirkustanza li att nazzjonali jkollu ċertu livell astratt u jfittex għan ta' trasformazzjoni ta' żona ġeografika tikkostitwixxi illustrazzjoni tad-dimensjoni pjanifikatriċi jew programmatika tiegħu u ma tipprekludix l-inklużjoni tiegħu fil-kunċett ta' "pjanijiet u programmi".

## b) Tħassir ta' pjanijiet u programmi

***Sentenza tat-22 ta' Marzu 2012, Inter-Environnement Bruxelles et (C-567/10, EU:C:2012:159)***

*Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Kunċett ta' pjanijiet u programmi li huma 'meħtieġa permezz ta' disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi' – Applikabbiltà ta' din id-direttiva għal proċedura ta' tħassir totali jew parzjali ta' pjan għall-użu tal-art"*

Adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li atti ta' tħassir ta' pjanijiet jew ta' programmi fis-sens tad-Direttiva 2001/42 jaqgħu, bħala prinċipju, ukoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Wara l-adozzjoni mir-Région de Bruxelles-Capitale (ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali) ta' digriet li jemenda l-code bruxellois de l'aménagement du territoire (il-Kodiċi ta' Brussell dwar l-Ippjanar tat-Territorju), diversi assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru ressqu quddiem il-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali) Belġjana rikors għall-annullament ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan id-digriet. Insostenn tar-rikors tagħhom, l-imsemmija assoċjazzjonijiet ikkritikaw b'mod partikolari l-fatt li d-dispożizzjonijiet

emendatorji kkontestati ma kinux jirrikjedu, għat-tħassir ta’ pjanijiet partikolari ta’ okkupazzjoni tal-art u għall-adozzjoni ta’ pjanijiet ta’ ġestjoni patrimonjali, evalwazzjoni ambjentali konformement mad-Direttiva 2001/42.

F’dan il-kuntest, il-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali) b’mod partikolari staqsiet jekk it-tħassir totali jew parzjali ta’ pjan jew ta’ programm li jaqa’ taħt id-Direttiva 2001/42 kellux ikun suġġett għal evalwazzjoni ambjentali skont din tal-aħħar.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, għalkemm l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/42 ma jirreferix espliċitament għall-atti ta’ tħassir, iżda biss għall-atti li jemendaw pjanijiet u programmi, xorta jibqa’ l-fatt li, fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 2001/42, id-dispożizzjonijiet li jiddelimitaw il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din tal-aħħar għandhom jiġu interpretati b’mod wiesa’. Barra minn hekk, peress li att ta’ tħassir jinvolvi neċessarjament emenda tal-kuntest ġuridiku ta’ riferiment u jbiddel, konsegwentement, l-effetti ambjentali li kienu ġew, skont il-każ, evalwati skont il-proċedura prevista mid-Direttiva 2001/42, dan jista’ jipproduċi effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fid-dawl tal-karatteristiċi u tal-effetti tal-atti ta’ tħassir ta’ pjanijiet jew ta’ programmi fis-sens tad-Direttiva 2001/42, ikun kuntrarju għall-għanijiet imfittxija mil-leġiżlatur tal-Unjoni, u ta’ natura li jippreġudika, parzjalment, l-effett utli tal-imsemmija direttiva, li dawn l-atti jitqiesu li huma esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni tagħha.

Min-naħa l-oħra, bħala prinċipju, dan ma jkunx il-każ jekk l-att imħassar ikun jifforma parti minn ġerarkija ta’ atti dwar l-użu tal-art, peress li dawn l-atti jipprevedu regoli għall-użu tal-art suffiċjentement preċiżi, li jkunu huma nnifishom suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent u li jista’ raġonevolment jiġi jitqies li l-interessi li d-Direttiva 2001/42 hija intiża li tipproteġi jkunu ttieħdu suffiċjentement inkunsiderazzjoni f’dan il-kuntest.

## 2. Obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti fil-każ ta' riskji sinjifikattivi fuq l-ambjent

### a) Pjanijiet u programmi li għandhom riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent

#### i. Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42

***Sentenza tat-22 ta' Frar 2022 (Awla Manja), Bund Naturschutz in Bayern (C-300/20,*** [EU:C:2022:102](EU:C:2022:102)*)*

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Artikolu 2(a) – Kunċett ta' 'pjanijiet u programmi' – Artikolu 3(2)(a) – Atti elaborati għal ċerti setturi u li jiddefinixxu l-kuntest li fih l-implimentazzjoni ta' proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92/UE tista' tiġi awtorizzata fil-futur – Artikolu 3(4) – Atti li jiddefinixxu kuntest li fih l-implimentazzjoni tal-proġetti tista' tiġi awtorizzata fil-futur – Regolament ta' protezzjoni tal-pajsaġġ adottat minn awtorità lokali"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost preċedentement [30], il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk miżura nazzjonali bħar-Regolament Inntal Süd, li kienet intiża li tipproteġi n-natura u l-pajsaġġ u tipprovdi għal dan l-għan projbizzjonijiet ġenerali u obbligi ta' awtorizzazzjoni, kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42.

Konformement ma' din id-dispożizzjoni, għandha ssir evalwazzjoni ambjentali għall-pjanijiet u l-programmi kollha li jissodisfaw żewġ kundizzjonijiet kumulattivi.

Fl-ewwel lok, il-pjanijiet u l-programmi għandhom "jikkonċernaw" jew "jittrattaw" wieħed mis-setturi elenkati fl-imsemmi artikolu [31]. F'dan il-każ, din l-ewwel kundizzjoni dehret li kienet issodisfatta, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li madankollu kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tivverifika.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li ċ-ċirkustanza li l-għan prinċipali ta' pjan jew ta' programm ikun l-protezzjoni tal-ambjent ma teskludix li huwa jista' wkoll "jikkonċerna" jew "jittratta" wieħed mis-setturi elenkati fl-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42. Fil-fatt, il-qofol stess tal-miżuri ta' portata ġenerali ppreparati bil-għan ta' protezzjoni tal-ambjent huwa preċiżament li jiġu rregolati l-attivitajiet tal-bniedem li jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-ambjent, fosthom dawk li jaqgħu taħt is-setturi msemmija.

---

[30] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II. 1. a) "Pjanijiet u programmi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2001/42". Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II. 2. b) ii. "Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2001/42".

[31] Jiġifieri l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-enerġija, l-industrija, it-trasport, l-immaniġġjar tal-iskart, l-amministrazzjoni tal-ilma, it-telekomunikazzjoni, it-turiżmu, l-ippjanar urban u rurali jew l-użu tal-art.

Fit-tieni lok, il-pjanijiet jew il-programmi għandhom jiddefinixxu l-qafas li fih tista' tingħata l-awtorizzazzjoni futura għall-implimentazzjoni tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92.

Dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfatt meta pjan jew programm jistabbilixxi numru sinjifikattiv ta' kriterji u ta' modalitajiet għall-awtorizzazzjoni u għall-implimentazzjoni ta' proġett wieħed jew iktar elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-post, in-natura, id-daqs u l-kundizzjonijiet ta' funzjonament ta' tali proġetti, jew l-allokazzjoni ta' riżorsi marbuta ma' dawn il-proġetti. Min-naħa l-oħra, meta pjan jew programm, bħar-Regolament Inntal Süd, sempliċement jiddefinixxi għanijiet ta' protezzjoni tal-pajsaġġ f'termini ġenerali u jissuġġetta attivitajiet jew proġetti fiż-żona ta' protezzjoni għal obbligu ta' awtorizzazzjoni, mingħajr madankollu ma jistabbilixxi kriterji jew modalitajiet għall-awtorizzazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-imsemmija proġetti, ir-rekwiżit imsemmi iktar 'il fuq ma jiġix issodisfatt, anki jekk l-imsemmi regolament jista' jeżerċita ċerta influwenza fuq il-post tal-proġetti.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-Regolament Inntal Süd ma kienx jikkostitwixxi pjan jew programm li kellu jiġi suġġett għal evalwazzjoni ambjentali skont l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42, sa fejn huwa ma kienx jipprevedi regoli ddettaljati biżżejjed fir-rigward tal-kontenut, tat-tfassil u tal-implimentazzjoni ta' proġetti msemmija fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92, fatt li madankollu kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

***Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020 (Awla Manja), A et (Eoliċi f'Aalter u f'Nevele) (C-24/19,* EU:C:2020:503*)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/42/KE – Stima tal-effetti fuq l-ambjent – Permess ta' żvilupp urban għall-installazzjoni u għall-użu ta' eoliċi – Artikolu 2(a) – Kunċett ta' 'pjanijiet u programmi' – Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permess stabbiliti b'digriet u ċirkulari – Artikolu 3(2)(a) – Atti nazzjonali li jiddefinixxu qafas li fih l-implimentazzjoni ta' proġetti tista' tiġi awtorizzata fil-futur – Assenza ta' evalwazzjoni ambjentali – Żamma tal-effetti tal-atti nazzjonali u tal-permessi maħruġa abbażi tagħhom wara li tkun ġiet ikkonstatata n-nuqqas ta' konformità ta' dawn l-atti mad-dritt tal-Unjoni – Kundizzjonijiet"*

Fis-sentenza A *et* (Eoliċi f'Aalter u f'Nevele), li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost preċedentement [32], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li digriet u ċirkulari bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża, li t-tnejn li huma kienu jinkludu dispożizzjonijiet differenti dwar l-installazzjoni u l-użu ta' eoliċi, fosthom miżuri dwar il-projjezzjoni ta' dell, is-sigurtà kif ukoll l-istandards dwar l-istorbju, kienu jikkostitwixxu pjanijiet u programmi li kellhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali skont l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42.

[32] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II. 1. a) "Pjanijiet u programmi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2001/42". Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima III. 2. "Atti nazzjonali adottati bi ksur tad-Direttiva 2001/42".

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-rekwiżiti stabbiliti mid-digriet u miċ-ċirkulari inkwistjoni dwar l-installazzjoni u l-użu ta' eoliċi kellhom importanza u portata suffiċjentement sinjifikattivi sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li għalihom kien suġġett il-ħruġ ta' permess għall-installazzjoni u l-użu ta' parks eoliċi, li l-effetti tagħhom fuq l-ambjent ma jistgħux jiġu miċħuda. Hija ppreċiżat li tali interpretazzjoni ma setgħetx tiġi kkontestata min-natura ġuridika partikolari taċ-ċirkulari.

### ii. Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2001/42

***Sentenza tat-12 ta' Ġunju 2019, CFE (C-43/18, EU:C:2019:483)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Digriet – Għażla ta' żona speċjali ta' konservazzjoni skont id-Direttiva 92/43/KEE – Stabbiliment tal-għanijiet ta' konservazzjoni u ta' ċerti miżuri ta' prevenzjoni – Kunċett ta' 'pjanijiet u programmi' – Obbligu ta' twettiq ta' evalwazzjoni ambjentali"*

Adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari mressaq mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju), il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2001/42, li jeżiġi evalwazzjoni ambjentali skont din id-direttiva kull darba li tkun meħtieġa evalwazzjoni skont l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 92/43.

Fit-tilwima fil-kawża prinċipali, Compagnie d'entreprise CFE SA (iktar 'il quddiem "CFE") talbet l-annullament ta' digriet tal-Gvern tar-Région de Bruxelles-Capitale (ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali) li indika l-"complexe Forêt de Soignes – Vallée de la Woluwe" bħala żona speċjali ta' konservazzjoni fis-sens tad-Direttiva 92/43. Insostenn ta' dan ir-rikors, CFE kkontestat id-deċiżjoni tal-Gvern tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali li ma jissuġġettax dan id-digriet għal evalwazzjoni ambjentali, minħabba li evalwazzjoni xierqa tal-effetti ma kinitx meħtieġa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43.

Mistoqsija f'dan ir-rigward mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43, huma biss il-pjanijiet jew il-proġetti li ma humiex direttament marbuta jew neċessarji għall-ġestjoni ta' sit li għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni xierqa tal-effetti skont l-imsemmija direttiva. Issa, digriet bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tiegħu Stat Membru indika sit bħala żona speċjali ta' konservazzjoni huwa, min-natura tiegħu, direttament marbut jew neċessarju għall-ġestjoni taż-żona inkwistjoni.

Minn dan isegwi li digriet bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali seta', fil-fatt, jiġi eżentat minn evalwazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43 u, konsegwentement, minn evalwazzjoni ambjentali skont l-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2001/42.

Madankollu, iċ-ċirkustanza li ma kienx hemm obbligu li tali digriet jiġi ppreċedut minn evalwazzjoni ambjentali abbażi tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 6(3) tad-

Direttiva 92/43 u tal-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2001/42 ma fissritx li d-digriet ma kien suġġett għal ebda obbligu f'dan ir-rigward, billi ma kienx eskluż li huwa seta' jistipula regoli li jwasslu sabiex huwa jiġi assimilat ma' pjan jew ma' programm, fis-sens ta' din id-direttiva tal-aħħar, li evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent tista' tkun obbligatorja għalihom.

## b) Pjanijiet u programmi li jista' jkollhom riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent

### i. Pjanijiet u programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42

***Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Associazione Italia Nostra Onlus (C-444/15,*** EU:C:2016:978)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Artikolu 3(3) – Pjanijiet u programmi obbligatorjament suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali unikament meta l-Istati Membri jistabbilixxu li huma jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent – Validità fir-rigward tat-Trattat FUE u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Kunċett ta' użu ta' 'żoni żgħar fil-livell lokali' – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħmel riferiment għas-superfiċji taż-żoni kkonċernati"*

Mistoqsija permezz ta' talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 fid-dawl kemm tal-Artikolu 191 TFUE, li jiddefinixxi l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, kif ukoll tal-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jiggarantixxi l-protezzjoni tal-ambjent.

Konformement mal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, il-pjanijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu li jiddeterminaw l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali kif ukoll il-modifiki żgħar għall-pjanijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafu 2 ikunu suġġetti b'mod obbligatorju għal evalwazzjoni ambjentali biss meta l-Istati Membri jistabbilixxu li dawn x'aktarx ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' traspożizzjoni tal-imsemmi Artikolu 3(3), il-kunsill muniċipali tal-Comune di Venezia (il-muniċipalità ta' Venezia, l-Italja) kien approva proġett ta' xogħlijiet relatati ma' immobbli fuq gżira li tinsab fil-laguna ta' Venezia, li kien is-suġġett ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent skont id-Direttiva 92/43, iżda mhux ta' evalwazzjoni ambjentali fis-sens tad-Direttiva 2001/42. F'dan ir-rigward tal-aħħar, il-kummissjoni reġjonali kompetenti kienet qieset, minn naħa, li l-pjan inkwistjoni kien jirrigwarda biss l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali u, min-naħa l-oħra, li dan il-pjan ma kellux effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

Permezz ta’ deċiżjoni tat-2 ta’ Ottubru 2014, il-Commissario straordinario (il-Kummissarju Straordinarju) tal-Muniċipalità ta’ Venezia kien approva l-imsemmi pjan mingħajr ma għamel l-ebda emenda.

L-Associazione Italia Nostra Onlus, li l-għan tagħha huwa li taħdem favur il-protezzjoni u l-valorizzazzjoni tal-patrimonju storiku, artistiku u kulturali Taljan, ippreżentat rikors quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Veneto (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta’ Veneto, l-Italja) kontra din id-deċiżjoni ta’ approvazzjoni kif ukoll kontra atti oħra, b’mod partikolari billi essenzjalment ikkontestat il-validità tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

Peress li qieset li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42 kien invalidu fid-dawl tal-Artikolu 191 TFUE u tal-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, it-Tribunale amministrativo regionale per il Veneto (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta’ Veneto) issottomettiet din il-kwistjoni ta’ validità lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mill-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, moqri flimkien mal-premessa 10 ta’ din id-direttiva, jirriżulta li, għall-pjanijiet u għall-programmi li jiddeterminaw l-użu ta’ żoni żgħar fil-livell lokali, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandhom iwettqu eżami preliminari intiż li jiġi vverifikat jekk pjan jew programm partikolari jistax ikollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent u li dawn l-awtoritajiet għandhom, sussegwentement, obbligatorjament jissuġġettaw dan il-pjan jew dan il-programm għal evalwazzjoni ambjentali skont din id-direttiva jekk jaslu għall-konklużjoni li l-imsemmi pjan jew l-imsemmi programm jista’ jkollu tali effetti fuq l-ambjent.

Billi ma tneħħi xejn mill-ambitu ta’ evalwazzjoni ambjentali, skont din id-direttiva, ebda pjan jew programm li jista’ jkollu effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, din id-dispożizzjoni tagħmel parti mill-għan imfittex mill-imsemmija direttiva li jiġi żgurat livell għoli ta’ protezzjoni tal-ambjent. F’dan ir-rigward, huma l-Istati Membri li għandhom, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, jieħdu l-miżuri neċessarji, ġenerali jew partikolari kollha sabiex il-pjanijiet jew il-programmi kollha li jista’ jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, fis-sens tad-Direttiva 2001/42, ikunu, qabel l-adozzjoni tagħhom, suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali, konformement mal-modalitajiet proċedurali u mal-kriterji previsti mill-imsemmija direttiva. Fi kwalunkwe każ, ir-riskju biss li l-awtoritajiet nazzjonali, permezz tal-aġir tagħhom, ikunu jistgħu jevadu l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/42 ma kienx ta’ natura li jwassal għall-invalidità tal-Artikolu 3(3) ta’ din id-direttiva.

Konsegwentement, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ma kienx jidher li l-Parlament u l-Kunsill, meta adottaw l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, wettqu żball manifest ta’ evalwazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 191 TFUE. Għalhekk, din id-dispożizzjoni ma kienet turi ebda element ta’ natura li jaffettwa l-validità tagħha fir-rigward tal-Artikolu 191 TFUE. Minn dan isegwi li hija lanqas ma kienet turi xi element ta’ natura li jaffettwa l-validità tagħha fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Fir-risposta għal domanda ta' interpretazzjoni magħmula sussidjarjament mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, barra minn hekk, li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, moqri flimkien mal-premessa 10 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "żoni żgħar fil-livell lokali" li jinsab fl-imsemmi paragrafu 3 għandu jiġi ddefinit billi jsir riferiment għas-superfiċji taż-żona kkonċernata fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- il-pjan jew il-programm jiġi mfassal u/jew adottat minn awtorità lokali, b'kuntrast ma' awtorità reġjonali jew nazzjonali, u
- din iż-żona fi ħdan il-ġurisdizzjoni territorjali tal-awtorità lokali tirrappreżenta, proporzjonalment għal din il-ġurisdizzjoni territorjali, daqs żgħir.

***Sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Valčiukienė et (C-295/10, EU:C:2011:608)*** [33]

*Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Pjanijiet li jistabbilixxu l-użu ta' żoni żgħar fuq livell lokali – Artikolu 3(3) – Dokumenti ta' ppjanar tat-territorju fuq livell lokali li jirrigwardaw biss attività ekonomika waħda – Evalwazzjoni skont id-Direttiva 2001/42/KE eskluża mid-dritt nazzjonali – Setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri – Artikolu 3(5) – Rabta mad-Direttiva 85/337/KEE – Artikolu 11(1) u (2) tad-Direttiva 2001/42/KE".*

Fis-sentenza tagħha Valčiukienė *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-marġni ta' evalwazzjoni li l-Istati Membri għandhom skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2001/42 sabiex jiddeterminaw jekk il-pjanijiet jew il-programmi msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jistax ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

Permezz ta' deċiżjonijiet tat-23 ta' Marzu u tal-20 ta' April 2006, il-Pakruojo rajono savivaldybė (il-Kunsill tad-Distrett ta' Pakruojas, il-Litwanja) approva pjanijiet iddettaljati dwar il-kostruzzjoni ta' żewġ kumplessi immobbli intiżi għat-trobbija intensiva ta' kapaċità ta' 4 000 ħanżir kif ukoll it-tqassim tal-art ta' għelieqi li kellhom jilqgħu dawn il-kumplessi.

Ir-rikorsi ppreżentati kontra dawn iż-żewġ deċiżjonijiet ġew miċħuda mis-Šiaulių apygardos administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Šiauliai, il-Litwanja). F'dan il-kuntest, din tal-aħħar irrilevat li, skont id-dritt nazzjonali, il-proċedura ta' evalwazzjoni strateġika tal-effetti fuq l-ambjent ma kinitx tapplika għal dokumenti ta' ppjanar tat-territorju li kienu jkopru biss, bħaż-żewġ pjanijiet iddettaljati kkontestati, għan wieħed ta' attività ekonomika.

Adita fl-appell, il-Vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Litwanja) ikkonfermat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali ma kinitx timponi li ssir evalwazzjoni strateġika tal-effetti fuq l-ambjent taż-żewġ pjanijiet ikkontestati. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li din il-leġiżlazzjoni kienet tikkostitwixxi l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/42, l-imsemmija qorti ddeċidiet li

[33] Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima IV. "Applikazzjoni kumulattiva tad-direttivi li jirrikjedu evalwazzjoni tal-effetti".

tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari dwar jekk din il-miżura nazzjonali ta' traspożizzjoni kinitx kompatibbli mad-Direttiva 2001/42.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li pjanijiet bħal dawk ikkontestati fil-kawża prinċipali huma msemmija fl-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42 li għalihom, bla ħsara għall-paragrafu 3 ta' dan l-istess artikolu, huwa obbligatorju li titwettaq evalwazzjoni ambjentali.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-pjanijiet inkwistjoni setgħu, barra minn hekk, jaqgħu taħt l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, li jgħid li pjanijiet imsemmija fil-paragrafu 2 li jiddeterminaw l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali jkunu suġġetti għal evalwazzjoni b'mod obbligatorju biss meta l-Istati Membri "jistabbilixxu li dawn x'aktarx ikollhom effetti ambjentali sinifikanti." F'dan il-kuntest, l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2001/42 jippermetti lill-Istati Membri jiddeterminaw jekk pjanijiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-istess artikolu jistax ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, jew billi jagħmlu eżami każ b'każ, jew billi jistabbilixxu t-tipi ta' pjanijiet u ta' programmi, jew billi jgħaqqdu dawn iż-żewġ metodi.

Il-marġni ta' evalwazzjoni li għandhom l-Istati Membri skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2001/42 sabiex jiġu ddeterminati ċerti tipi ta' pjanijiet li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent hija madankollu limitata bl-obbligu msemmi fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42, moqri flimkien mal-paragrafu 2 tal-istess artikolu, li l-pjanijiet li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, b'mod partikolari minħabba l-karatteristiċi tagħhom, ikunu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali tal-effetti tagħhom u taż-żoni li jistgħu jintlaqtu.

Konsegwentement, Stat Membru li jistabbilixxi kriterju li, fil-prattika, ikollu l-konsegwenza li l-kategorija kollha ta' proġetti tiġi eżentata bil-quddiem mill-obbligu ta' evalwazzjoni ambjentali, jaqbeż il-marġni ta' evalwazzjoni li huwa jkollu bis-saħħa tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2001/42, moqri flimkien mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-istess artikolu, ħlief jekk il-pjanijiet kollha esklużi jkunu jistgħu jitqiesu, abbażi ta' kriterji rilevanti bħalma huma, b'mod partikolari, l-għan tagħhom, il-firxa tat-territorju li huma jkopru jew is-sensittività tal-ambjenti naturali kkonċernati, li ma jkunx jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2001/42, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni, li kienet tipprevedi b'mod ġenerali u mingħajr eżami każ b'każ li ma jkollhiex titwettaq evalwazzjoni skont l-imsemmija direttiva meta pjanijiet li jiddeterminaw l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali jkunu jirrigwardaw biss attività ekonomika waħda. Fil-fatt, tali kriterju ma kienx ta' natura li jippermetti li jiġi evalwat jekk pjan ikollux effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent jew le.

### ii. Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2001/42

***Sentenza tat-22 ta' Frar 2022 (Awla Manja), Bund Naturschutz in Bayern (C-300/20, EU:C:2022:102)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Artikolu 2(a) – Kunċett ta' 'pjanijiet u programmi' – Artikolu 3(2)(a) – Atti elaborati għal ċerti setturi u li jiddefinixxu l-kuntest li fih l-implimentazzjoni ta' proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92/UE tista' tiġi awtorizzata fil-futur – Artikolu 3(4) – Atti li jiddefinixxu kuntest li fih l-implimentazzjoni tal-proġetti tista' tkun awtorizzata fil-futur – Regolament ta' protezzjoni tal-pajsaġġ adottat minn awtorità lokali"*

Fis-sentenza tagħha Bund Naturschutz in Bayern, li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost preċedentement [34], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li miżura nazzjonali bħar-Regolament Inntal Süd, li kienet intiża li tipproteġi n-natura u l-pajsaġġ u li, għal dan l-għan, stabbilixxiet projbizzjonijiet ġenerali kif ukoll obbligi ta' awtorizzazzjoni mingħajr ma pprevediet regoli suffiċjentement iddettaljati fir-rigward tal-kontenut, tat-tfassil u tal-implimentazzjoni ta' proġetti, ma kinitx taqax taħt l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2001/42. Skont din id-dispożizzjoni, huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw jekk il-pjanijiet u l-programmi, minbarra dawk koperti taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, li jiddefinixxu l-kuntest li fih l-implimentazzjoni tal-proġetti tkun tista' tiġi awtorizzata fil-futur, jistax ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, b'tali mod li jkollha titwettaq evalwazzjoni ambjentali.

## 3. Konsultazzjonijiet

***Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2011, Seaport (NI) et (C-474/10, EU:C:2011:681)***

*Talba għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/42/KE – Artikolu 6 – Nomina, għall-finijiet ta' konsultazzjoni, ta' awtorità li tista' tkun ikkonċernata mill-effetti ambjentali tal-implementazzjoni ta' pjanijiet u ta' programmi – Possibbiltà għal awtorità ta' konsultazzjoni li tfassal pjanijiet jew programmi – Obbligu ta' nomina ta' awtorità distinta – Regoli għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-awtoritajiet u tal-pubbliku*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Court of Appeal in Northern Ireland (il-Qorti tal-Appell tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat taħt liema kundizzjonijiet awtorità nnominata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-finijiet tal-proċedura

[34] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II. 1. a) "Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2001/42". Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II. 2. a) i. "Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42".

ta’ konsultazzjoni prevista mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2001/42 tkun tista’ hija stess tiġi inkarigata bit-tħejjija ta’ pjan jew ta’ programm li jaqa’ taħt din il-proċedura.

Konformement mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2001/42, l-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet li għandhom jiġu kkonsultati waqt il-preparazzjoni ta’ rapport fuq l-effetti ambjentali ta’ pjan jew ta’ programm skont din id-direttiva u li, minħabba r-responsabbiltà speċifika tagħhom fil-qasam tal-ambjent, ikunu jistgħu jkunu kkonċernati mill-effetti ambjentali tal-implimentazzjoni ta’ pjanijiet u ta’ programmi.

B’eżekuzzjoni ta’ dan l-obbligu, id-dritt tal-Irlanda ta’ Fuq kien innomina lid-Department of the Environment (il-Ministeru għall-Ambjent, l-Irlanda ta’ Fuq) bħala korp konsultattiv fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2001/42. Madankollu, fil-kawża li kienet adita biha l-qorti tar-rinviju, id-Department of the Environment (il-Ministeru għall-Ambjent) innifsu kien inkarigat mit-tfassil ta’ pjan suġġett għal evalwazzjoni ambjentali skont din id-direttiva. F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk, meta awtorità nazzjonali tkun kemm il-korp responsabbli mill-pjan inkwistjoni kif ukoll il-korp maħtur mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-finijiet tal-proċedura ta’ konsultazzjoni, l-Istat Membru huwiex obbligat li jinnomina awtorità konsultattiva ġdida, distinta u indipendenti mill-ewwel waħda.

Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f’ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2001/42 ma jimponix l-obbligu li tinħoloq jew tiġi nnominata awtorità ta’ konsultazzjoni oħra fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni, sakemm, fi ħdan l-awtorità normalment inkarigata li twettaq il-konsultazzjoni fil-qasam tal-ambjent u nnominata bħala tali, tiġi organizzata separazzjoni funzjonali b’tali mod li entità amministrattiva, interna għaliha, ikollha awtonomija reali, li jimplika b’mod partikolari li hija jkollha mezzi amministrattivi u umani tagħha stess, u għalhekk tkun f’pożizzjoni li tissodisfa l-kompiti mogħtija lill-awtoritajiet ta’ konsultazzjoni fis-sens tal-Artikolu 6(3) ta’ din id-direttiva, u, b’mod partikolari, li tagħti b’mod oġġettiv l-opinjoni tagħha dwar il-pjan jew programm previst mill-awtorità li magħha hija marbuta.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju kienet stiednet lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża t-termini stabbiliti għall-finijiet tal-proċedura ta’ konsultazzjoni. F’dan ir-rigward, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2001/42 jeżiġi li tingħata “opportunità […] effettiva”, li għandha tkun “bikrija”, lill-awtoritajiet innominati u lill-pubbliku affettwat jew li x’aktarx ikun affettwat sabiex jesprimu l-opinjoni tagħhom fuq l-abbozz tal-pjan jew tal-programm ikkonċernat kif ukoll fuq ir-rapport dwar l-effetti ambjentali.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li ma teżiġix li t-termini li fihom l-awtoritajiet innominati u l-pubbliku affettwat jew li x’aktarx ikun affettwat fis-sens tal-paragrafi 3 u 4 ta’ dan l-artikolu għandhom ikunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom fuq abbozz ta’ pjan jew ta’ programm partikolari kif ukoll fuq ir-rapport dwar l-effetti ambjentali jiġu stabbiliti b’mod preċiż fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi din id-direttiva. Konsegwentement, l-imsemmi paragrafu 2 ma jipprekludix li tali termini jiġu stabbiliti każ b’każ mill-awtorità li tfassal il-pjan jew il-

programm. Madankollu, f'din is-sitwazzjoni tal-aħħar, dan l-istess paragrafu 2 jeżiġi li, għall-finijiet tal-konsultazzjoni ta' dawn l-awtoritajiet u ta' dan il-pubbliku dwar abbozz ta' pjan jew ta' programm partikolari, it-terminu effettivament stabbilit kien biżżejjed u jippermetti għalhekk li lil dawn tal-aħħar tingħatalhom possibbiltà reali li jesprimu l-opinjoni tagħhom fil-ħin fuq dan l-abbozz ta' pjan jew ta' programm kif ukoll fuq ir-rapport dwar l-effetti ambjentali tal-imsemmi pjan jew programm.

# III. Żamma provviżorja tal-effetti ta' atti nazzjonali adottati bi ksur tal-obbligu li ssir evalwazzjoni tal-effetti

## 1. Atti nazzjonali adottati bi ksur tad-Direttiva 2011/92

***Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019 (Awla Manja), Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2019:622)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Konvenzjoni ta' Espoo – Konvenzjoni ta' Aarhus – Konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa – Direttiva 92/43/KEE – Artikolu 6(3) – Kunċett ta' 'proġett' – Evalwazzjoni tal-effetti fuq is-sit ikkonċernat – Artikolu 6(4) – Kunċett ta' 'raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku kbir' – Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi – Direttiva 2009/147/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Artikolu 1(2)(a) – Kunċett ta' 'proġett' – Artikolu 2(1) – Artikolu 4(1) – Evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent – Artikolu 2(4) – Eżenzjoni tal-evalwazzjoni – Twaqqif gradwali tal-enerġija nukleari – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, minn naħa, il-bidu mill-ġdid, għal madwar għaxar snin, tal-attività ta' produzzjoni industrijali ta' elettriku minn impjant nukleari sakemm jitwaqqaf, b'effett ta' posponiment ta' għaxar snin mid-data inizjalment iffissata mil-leġiżlatur nazzjonali għad-diżattivazzjoni u t-tmiem tal-attività tiegħu, u, min-naħa l-oħra, il-posponiment, għal għaxar snin ukoll, tat-terminu inizjalment previst minn dan l-istess leġiżlatur għad-diżattivazzjoni u għat-twaqqif tal-produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant attiv – Assenza ta' evalwazzjoni tal-effett fuq l-ambjent"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost preċedentement [35], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li qorti nazzjonali tista', jekk id-dritt nazzjonali jippermetti dan, b'mod eċċezzjonali, iżżomm l-effetti ta' miżuri, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jkunu ġew adottati bi ksur tal-obbligi stabbiliti mid-Direttivi 2011/92 u 92/43, jekk din iż-żamma tkun iġġustifikata b'kunsiderazzjonijiet imperattivi marbuta man-neċessità li tiġi eskluża theddida reali u serja ta' waqfien tal-provvista tal-elettriku tal-Istat Membru kkonċernat, li ma tistax tiġi ffaċċjata b'mezzi u b'alternattivi oħra, b'mod partikolari fil-qafas tas-suq intern. Madankollu, l-imsemmija żamma tista' tkopri biss il-perijodu ta' żmien li jkun strettament neċessarju sabiex tiġi rrimedjata din l-illegalità.

[35] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima I.1.a) "Kunċett ta' 'proġett". Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll taħt it-Taqsima I.2.a) "Proġetti li jippreżentaw riskju ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent (Anness I", it-Taqsima I.2.ċ) "Eżenzjonijiet għall-obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti".

## 2. Atti nazzjonali adottati bi ksur tad-Direttiva 2001/42

***Sentenza tat-28 ta' Frar 2012, Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne (C-41/11, EU:C:2012:103)***

*"Protezzjoni tal-ambjent – Direttiva 2001/42/KE – Artikoli 2 u 3 – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli – Pjan jew programm – Assenza ta' evalwazzjoni ambjentali preliminari – Annullament ta' pjan jew programm – Possibbiltà li jinżammu l-effetti tal-pjan jew programm – Kundizzjonijiet"*

Fis-sentenza tagħha Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, f'kundizzjonijiet eċċezzjonali, programm ta' azzjoni fil-qasam ambjentali adottat bi ksur tad-Direttiva 2001/42 jista' jinżamm fis-seħħ sal-adozzjoni ta' miżura alternattiva.

Fit-tilwima fil-kawża prinċipali, żewġ NGOs Belġjani, Inter-Environnement Wallonie ASBL u Terre wallonne ASBL, ippreżentaw rikors għall-annullament ta' digriet tal-Gvern ta' Wallonie intiż għat-traspożizzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/676 [36] quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju).

Peress li qies li d-digriet ikkontestat kien jikkostitwixxi "pjan jew programm" fis-sens tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ikkonstata li l-assenza ta' evalwazzjoni ambjentali minn qabel, kif meħtieġ minn din id-direttiva, kellha, bħala prinċipju, twassal għall-annullament tad-digriet inkwistjoni.

Madankollu, peress li l-annullament b'effett retroattiv tad-digriet kontenzjuż kien iċaħħad, fir-Reġjun tal-Wallonie, lill-ordinament ġuridiku Belġjan minn kull miżura ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 91/676 sal-mument li fih l-att annullat jiġi emendat u b'hekk joħloq sitwazzjoni li fiha r-Renju tal-Belġju jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva tal-aħħar, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-possibbiltà li d-digriet kontenzjuż jinżamm fis-seħħ sal-adozzjoni ta' regolament alternattiv.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, meta qorti nazzjonali jkollha quddiemha rikors għall-annullament ta' att nazzjonali li jikkostitwixxi "pjan jew programm" fis-sens tad-Direttiva 2001/42, adottat bi ksur tal-obbligu li titwettaq evalwazzjoni ambjentali minn qabel, dik il-qorti hija meħtieġa tadotta l-miżuri kollha previsti mid-dritt nazzjonali tagħha sabiex tirrimedja n-nuqqas ta' tali evalwazzjoni, inkluż is-sospensjoni jew l-annullament eventwali tal-pjan jew tal-programm ikkontestati.

[36] Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 68).

Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tat-tilwima fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju setgħet eċċezzjonalment tiġi awtorizzata tuża d-dispożizzjoni nazzjonali tagħha li tagħtiha s-setgħa li żżomm ċerti effetti ta' att nazzjonali annullat kemm-il darba:

- dan l-att nazzjonali jkun jikkostitwixxi miżura ta' traspożizzjoni korretta tad-Direttiva 91/676;
- l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-att nazzjonali ġdid li jinkludi l-programm ta' azzjoni fis-sens tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva ma jkunux jippermettu li jiġu evitati l-effetti dannużi fuq l-ambjent li jirriżultaw mill-annullament tal-att ikkontestat;
- l-annullament ta' dan l-att ikkontestat ikollu bħala konsegwenza li joħloq lakuna legali fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 91/676 li tkun ta' dannu ikbar għall-ambjent fis-sens li dan l-annullament iwassal biex tonqos il-protezzjoni mogħtija lill-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli u b'hekk imur kontra l-għan essenzjali stess ta' din id-direttiva; u
- iż-żamma eċċezzjonali tal-effetti ta' tali att tkun tkopri biss il-perijodu ta' żmien strettament neċessarju għall-adozzjoni tal-miżuri li jippermettu li tiġi rrimedjata l-irregolarità kkonstatata.

***Sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Association France Nature Environnement (C-379/15, EU:C:2016:603)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti u programmi fuq l-ambjent – Att nazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni – Konsegwenzi ġuridiċi – Setgħa tal-qorti nazzjonali li żżomm provviżorjament ċerti effetti tal-imsemmi att – It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE – Obbligu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja*

Adita b'rinviju għal domanda preliminari ppreżentat mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha dwar il-possibbiltà għall-qrati nazzjonali li jżommu eċċezzjonalment u provviżorjament l-effetti tal-atti nazzjonali inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42.

It-talba għal deċiżjoni preliminari oriġinat minn rikors quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) li kkontesta l-kompatibbiltà tad-dritt Franċiż ta' traspożizzjoni mad-Direttiva 2001/42. F'dan il-kuntest, dik il-qorti b'mod partikolari annullat id-dispożizzjonijiet tad-décret nº 2012-616 (id-Digriet Nru 2012-616) li kienu jiddefinixxu l-awtorità kompetenti fil-qasam tal-ambjent li kellha tiġi kkonsultata fil-kuntest tal-evalwazzjoni ambjentali skont l-imsemmija direttiva.

Skont il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), ir-retroattività tal-annullament parzjali ta' dan id-digriet kellha madankollu r-riskju li tiġi kkontestata l-legalità mhux biss tal-pjanijiet u tal-programmi adottati abbażi tiegħu, iżda wkoll il-legalità ta' kull att adottat abbażi ta' dawn tal-aħħar. Issa, tali sitwazzjoni kienet tippreġudika kemm l-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali kif ukoll it-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent.

F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) stieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża taħt liema kundizzjonijiet qorti nazzjonali tista’ żżomm ċerti effetti ta’ att nazzjonali inkompatibbli mad-Direttiva 2001/42 u jekk qorti nazzjonali tal-aħħar istanza hijiex, f’każ bħal dan, dejjem marbuta li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Filwaqt li fakkret il-ġurisprudenza tagħha li tirriżulta mis-sentenza Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne [37], il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet, fl-ewwel lok, li qorti nazzjonali tista’, meta d-dritt nazzjonali jippermetti dan, eċċezzjonalment u fuq bażi ta’ każ b’każ, tillimita *ratione temporis* ċerti effetti ta’ dikjarazzjoni ta’ illegalità ta’ dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun ġiet adottata bi ksur tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2001/42, bil-kundizzjoni li tali limitazzjoni tkun meħtieġa minn kunsiderazzjoni imperattiva marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent u fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża li tkun tressqet quddiemha. Madankollu, din is-setgħa eċċezzjonali tista’ tiġi eżerċitata biss meta l-kundizzjonijiet kollha li jirriżultaw mis-sentenza tat-28 ta’ Frar 2012, Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne, ikunu ssodisfatti.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fl-affermattiv għad-domanda dwar jekk qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunux għadhom suġġetti għal rimedju ġudizzjarju tkunx, bħala prinċipju, marbuta li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b’talba għal deċiżjoni preliminari qabel ma tagħmel użu mill-possibbiltà eċċezzjonali li żżomm provviżorjament dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali meqjusa kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali qorti nazzjonali tkun meħlusa minn dan l-obbligu biss meta tkun konvinta, aspett li jkollha turi fid-dettall, li ma jkun hemm ebda dubju raġonevoli fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet li jirriżultaw mis-sentenza Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne.

***Sentenza tal-25 ta’ Ġunju 2020 (Awla Manja), A et (Eoliċi f’Aalter u f’Nevele) (C-24/19, EU:C:2020:503)***

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/42/KE – Stima tal-effetti fuq l-ambjent – Permess ta’ żvilupp urban għall-installazzjoni u għall-użu ta’ eoliċi – Artikolu 2(a) – Kunċett ta’ ‘pjanijiet u programmi’ – Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta’ permess stabbiliti b’digriet u ċirkulari – Artikolu 3(2)(a) – Atti nazzjonali li jiddefinixxu qafas li fih l-implimentazzjoni ta’ proġetti tista’ tiġi awtorizzata fil-futur – Assenza ta’ evalwazzjoni ambjentali – Żamma tal-effetti tal-atti nazzjonali u tal-permessi maħruġa abbażi tagħhom wara li tkun ġiet ikkonstatata n-nuqqas ta’ konformità ta’ dawn l-atti mad-dritt tal-Unjoni – Kundizzjonijiet”*

Fir-rigward tal-possibbiltà għall-qrati nazzjonali li jżommu provviżorjament u eċċezzjonalment l-effetti ta’ atti nazzjonali adottati bi ksur tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2001/42, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, f’din is-sentenza, li l-kuntest fattwali

[37] Sentenza tat-28 ta’ Frar 2012, Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne (C-41/11, EU:C:2012:103).

tagħha ġie espost preċedentement [38], li l-Istati Membri huma obbligati jħassru l-konsegwenzi illegali ta’ tali ksur tad-dritt tal-Unjoni. Hija enfasizzat li, fid-dawl tal-ħtieġa ta’ applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, hija biss setgħet, eċċezzjonalment u għal kunsiderazzjonijiet imperattivi ta’ interess ġenerali, tagħti s-sospensjoni provviżorja tal-effett ta’ esklużjoni marbut mad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni miksura, sa fejn leġiżlazzjoni nazzjonali tawtorizza lill-qorti nazzjonali żżomm ċerti effetti ta’ tali atti fil-kuntest tal-kawża mressqa quddiemha. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f’sitwazzjoni bħal dik f’din il-kawża, il-qorti nazzjonali setgħet iżżomm l-effetti tad-digriet u taċ-ċirkulari, kif ukoll tal-permess maħruġ abbażi tagħhom, biss jekk id-dritt nazzjonali kien jippermettilha tagħmel dan fil-kuntest tal-kawża li kellha quddiemha, u fl-ipoteżi fejn l-annullament ta’ dan il-permess seta’ jkollu konsegwenzi sinjifikattivi fuq il-provvista tal-elettriku, f’dan il-każ fil-Belġju, u biss fiż-żmien strettament neċessarju sabiex tiġi rrimedjata din l-illegalità.

[38] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II. 1. a. intitolata “Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2001/42”. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II. 2. a) i. “Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42”.

# IV. Applikazzjoni kumulattiva tad-direttivi li jirrikjedu evalwazzjoni tal-effetti

***Sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Valčiukienė et (C-295/10,** EU:C:2011:608)*

*"Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Pjanijiet li jistabbilixxu l-użu ta' żoni żgħar fuq livell lokali – Artikolu 3(3) – Dokumenti ta' ppjanar tat-territorju fuq livell lokali li jirrigwardaw biss attività ekonomika waħda – Evalwazzjoni skont id-Direttiva 2001/42/KE eskluża mid-dritt nazzjonali – Setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri – Artikolu 3(5) – Rabta mad-Direttiva 85/337/KEE – Artikolu 11(1) u (2) tad-Direttiva 2001/42/KE"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali tagħha ġie espost preċedentement [39], il-qorti tar-rinviju staqsiet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk evalwazzjoni ambjentali mwettqa skont id-Direttiva 85/337 kinitx teżenta mill-obbligu li ssir tali evalwazzjoni skont id-Direttiva 2001/42.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-kliem stess tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2001/42, evalwazzjoni ambjentali mwettqa skont din id-direttiva hija bla ħsara għar-rekwiżiti tad-Direttiva 85/337. Minn dan isegwi li evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 85/337 tiżdied, meta d-dispożizzjonijiet tagħha jkunu jeħtieġu dan, ma' dik imwettqa skont id-Direttiva 2001/42.

Bl-istess mod, evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent imwettqa skont id-Direttiva 85/337 hija mingħajr ħsara għar-rekwiżiti rispettivi tad-Direttiva 2001/42 u ma tistax teżenta mill-obbligu li titwettaq l-evalwazzjoni ambjentali li din id-direttiva tal-aħħar teżiġi sabiex jiġu ssodisfatti aspetti ambjentali li huma speċifiċi għaliha.

Konsegwentement, huwa neċessarju li r-rekwiżiti tad-Direttivi 2001/42 u 85/337 jiġu applikati b'mod kumulattiv.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, fl-eventwalità fejn proċedura kkoordinata jew konġunta tkun ġiet prevista mill-Istat Membru kkonċernat, mill-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2001/42 isegwi li, fil-kuntest ta' tali proċedura, huwa obbligatorju li jiġi vverifikat li l-evalwazzjoni ambjentali tkun twettqet konformement mad-dispożizzjonijiet kollha li jinsabu fid-diversi direttivi kkonċernati.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-evalwazzjoni li, fit-tilwima fil-kawża prinċipali, tkun twettqet skont id-Direttiva 85/337, tistax titqies bħala l-espressjoni ta' proċedura kkoordinata jew konġunta u jekk din tkoprix diġà r-rekwiżiti kollha tad-Direttiva 2001/42. Jekk jirriżulta li dan ikun il-każ, allura ma jibqax jeżisti l-obbligu li titwettaq evalwazzjoni ġdida skont din id-direttiva tal-aħħar.

[39] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II. 2. b) i. "Pjanijiet u Programmi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/42".

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat għar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

Frar 2024